PUNENT

# STRATEĠIJA KULTURALI REĠJONALI

2022-2027

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Fondi tal-UE
għal Malta
2014-2020

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,
L-ARTI U L-GVERN LOKALI

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

Programm Operattiv II – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet
filwaqt li mippromwuvu t-tisħiħ tas-soċjetá"
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew
Rata ta' ko-finanzjament: 80% Fondi mill-Unjoni Ewropea; 20% Fondi-Nazzjonali

# Werrej

Ħarsa Ġenerali ........ 10

1. Introduzzjoni ........ 14

2. Ir-Razzjonal Strateġiku għall-Kultura ........ 16
2.1. Il-funzjonijiet legali u l-eżiti strateġiċi ........ 18

3. It-Temi Trasversali Ewlenin għall-Kultura madwar il-Gżejjer Maltin ........ 20
3.1. Il-prijoritajiet komuni għall-kultura madwar is-sitt reġjuni ........ 22

4. Il-Profil Kulturali tar-Reġjun Punent ........ 23
4.1. Il-Profil ........ 23

5. It-Temi u l-Prijoritajiet speċifiċi għar-Reġjun ........ 25
5.1. Il-prijoritajiet speċifiċi għar-reġjun ........ 25
5.2. It-temi speċifiċi għar-reġjun ........ 29

6. L-Azzjonijiet ta' Prijorità għal Żvilupp immexxi mill-Kultura fir-Reġjun Punent 33

7. Konklużjoni ........ 35

Appendiċi ........ 36

# Kelmtejn Qabel



L-Onorevoli Owen Bonnici
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

**Il-proġett *Provvista ta' Żvilupp ta' Strateġija Kulturali u Implimentazzjoni għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali* mmexxi mill-Kunsill Malti għall-Arti f'kollaborazzjoni mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali huwa kisba importanti għall-iżvilupp kulturali f'Malta. Inħossni kburi ninnota li dan il-proġett twettaq b'suċċess bħala parti mill-proġett Create 2020 b'investiment ta' miljun ewro mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014 – 2020 fil-ħiliet kulturali u kreattivi fis-settur pubbliku Malti.**

L-Istrateġiji Kulturali Reġjonali huma pass ieħor fl-impenn tal-gvern biex jiddiċentralizza l-attività kulturali u jagħti s-setgħa lil aktar komunitajiet lokali biex imexxu l-iżvilupp kulturali. Barra minn hekk, l-istrateġiji jibnu fuq il-kollaborazzjoni mill-aqwa bejn istituzzjonijiet fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, b'kontribuzzjonijiet validi minn esperti kulturali u mijiet ta' partijiet ikkonċernati li ħadu sehem fil-proċess.

Il-kultura hija mandat legali vinkolanti kemm għall-Kunsilli Lokali kif ukoll għall-Kunsilli Reġjonali, u permezz tar-riforma riċenti tal-2019, dan ġie msaħħaħ aktar. Dan kollu ġie mfassal id f'id mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali, kemm il-proċess li wassal għat-twaqqif tal-Istrateġiji Kulturali Reġjonali, kif ukoll l-għodod li ngħataw għat-twettiq tagħhom, li huma eżempji tanġibbli ta' governanza parteċipatorja. Riżultat ta' dan, issa r-Reġjuni jistgħu jidentifikaw prijoritajiet kulturali li huma bbażati fuq l-evidenza u adattati għall-identitajiet kulturali uniċi fuq livell lokali, reġjonali u nazzjonali.

L-Istrateġiji Kulturali Reġjonali se jiffaċilitaw u jtejbu l-ġestjoni tar-riżorsi tal-infrastruttura kulturali lokali u għalhekk se jżidu l-opportunitajiet għall-kultura u l-kreattività, u jagħmluhom ukoll aktar aċċessibbli.

Jiena kunfidenti li t-taħriġ li ngħata lill-Kunsilli Lokali u Reġjonali kollha se jappoġġja l-istrutturi amministrattivi tal-Gvern Lokali biex iwettqu l-Istrateġiji Kulturali Reġjonali. Il-gvern jibqa' impenjat li jappoġġja lill-Kunsilli Reġjonali u l-kollaboraturi tagħhom biex iwettqu dawn l-istrateġiji għax jemmen bis-sħiħ li l-kultura hija komponent essenzjali tal-benesseri tal-komunitajiet tagħna.

Ninkoraġġixxi lill-Kunsilli Reġjonali biex jikkollaboraw bis-sħiħ mal-Kunsill Malti għall-Arti u jsarrfu dawn l-istrateġiji f'azzjonijiet tanġibbli, effettivi u sostenibbli li jħallu impatt pożittiv fuq il-Kunsilli Lokali, l-NGOs, il-prattikanti kreattivi u l-partijiet ikkonċernati oħra li huma involuti fis-setturi kulturali u kreattivi. Il-ġid tal-wirt kulturali, id-diversità tal-komunitajiet tagħna u t-talent eċċezzjonali tal-poplu tagħna huma assi għas-sostenibbiltà tar-reġjuni tagħna. Flimkien, nistgħu nassiguraw li l-iżvilupp tat-talent u tal-udjenza, u l-innovazzjoni tal-patrimonju, stabbiliti bħala t-tliet temi trasversali ta' dawn l-istrateġiji, se jwasslu għal aktar żvilupp kulturali kollaborattiv u mmexxi mill-komunità f'Malta u Għawdex.



L-Onorevoli Alison Zerafa Civelli
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali

**Minkejja d-daqs diminuttiv tagħna, Malta għandha ħafna x'toffri, kemm lir-residenti kif ukoll lill-viżitaturi tagħha. L-irħula u l-villaġġi tagħna huma verament uniċi għax huma rikki fil-kultura u l-patrimonju waqt li mdawra bil-Baħar Mediterran. Huwa għalhekk li l-Kunsilli Reġjonali u Lokali tagħna huma verament konxji mill-importanza li rridu npoġġu fuq il-protezzjoni u t-trawwim tal-kultura, il-patrimonju u t-tradizzjonijiet lokali tagħna. Huma dawn flimkien li joħolqu r-ruħ tal-bliet u l-irħula tagħna, tal-ambjent tagħna, u tal-arċipelagu sħiħ tagħna.**

Waqt li nżidu fil-valur tal-lokalitajiet Maltin, irridu nieħdu li nistgħu mill-għarfien espert tagħna waqt li nelevawh biex ninkoraġġixxu lill-Kunsilli Lokali tagħna jużaw it-talenti u l-għarfien tagħhom biex tissaħħaħ l-istorja lokali, it-tradizzjonijiet u l-użanzi tagħna. B'dan il-mod, nistgħu nippreservaw x'jagħmilna Maltin u ngħadduh lill-ġenerazzjonijiet futuri għal snin sħaħ.

Il-Kunsilli Lokali tagħna huma sors kbir ta' għarfien reġjonali, u huwa għalhekk li huma parti integrali tal-Istrateġija Kulturali Nazzjonali. Huwa biss bil-parteċipazzjoni tagħhom li nistgħu nadattaw għar-realtajiet ta' kuljum tas-sitt reġjuni ta' Malta biex nintegraw il-komunitajiet, il-knisja, il-kumitati, l-organizzazzjonijiet, l-artisti, il-kreattivi, il-klabbs lokali u r-residenti biex flimkien jippromwovu u jistimulaw il-kultura, it-tradizzjonijiet u l-istorja li naqsmu flimkien.

Għalhekk, huwa ta' pjaċir kbir għalija li nħabbar li l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali qed jinvesti f'Managers Reġjonali fi ħdan il-Kunsilli Reġjonali tagħna bħala riżorsa umana vitali. Barra minn hekk, dawn qed jikkollaboraw mill-qrib mal-Koordinatur Kulturali Reġjonali tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Inħossni ħerqana u eċitata bil-ħsieb li nara attivitajiet kulturali lokali u inizjattivi ta' kwalità għolja, iffaċilitati mill-Kunsilli Lokali tagħna. Fuq kollox, ninkoraġġixxi lir-residenti u l-komunitajiet tagħna biex jipparteċipaw u jieħdu l-opportunità biex jitgħallmu minn dawn l-esperjenzi u jħaddnu t-talent lokali u l-istorja u l-patrimonju tagħna li jagħmluna verament Maltin.

## Albert Marshall,
## Ċermen Eżekuttiv, Kunsill Malti għall-Arti



**Għall-Kunsill Malti għall-Arti (KMA), dan il-proċess ta' tmexxija ta' proġett lejn l-iżvilupp tal-Istrateġiji Kulturali Reġjonali kien wieħed intwittiv, u dan filwaqt li kien hemm kollaborazzjoni u għalhekk skambju ta' għarfien mar-rappreżentanti tal-gvern reġjonali u lokali, diversi organizzazzjonijiet, prattikanti kreattivi u partijiet ikkonċernati oħra.**

Dan jirrifletti approċċ parteċipatorju għat-twettiq ta' politika kif ukoll enfasi strateġika fuq il-komunitajiet diversi li jsawru l-ekoloġija kulturali u kreattiva ta' Malta. Il-viżjoni u l-istrateġija tal-KMA se jibqgħu iffukati bis-sħiħ fuq it-twettiq tal-Istrateġiji Kulturali Reġjonali, waqt li jsostnu l-importanza tagħhom permezz tal-integrazzjoni ta' għanijiet strateġiċi relatati speċifikament skont l-Istrateġija 2025 tal-KMA li tnediet reċentament. Il-proċess konsultattiv, li informa kemm lill-istrateġija msemmija kif ukoll lill-Istrateġiji Kulturali Reġjonali, kien strumentali fil-mod li l-Kunsill fittex jillokalizza l-prijoritajiet stabbiliti fil-Politika Kulturali Nazzjonali. Din il-politika hija bbażata fuq il-prinċipji tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-UNESCO tal-2005.

Il-kultura għandha rwol ċentrali fil-bini ta' komunitajiet aktar b'saħħithom, sani u koeżivi, waqt li tibqa' integrali għas-soċjetajiet urbani u rurali u katalista għall-iżvilupp sostenibbli. Dan rifless f'numru ta' Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli bħall-Għan 11, li jirreferi direttament għall-ħolqien ta' spazji pubbliċi inklussivi u l-protezzjoni tal-wirt u l-prattiki kulturali. Huwa fi ħdan dan il-kuntest li l-KMA stinka lejn it-tfassil ta' dawn l-Istrateġiji Kulturali Reġjonali u ħa l-approċċ strateġiku ġenerali li jappoġġja lis-setturi kulturali u kreattivi fuq livell lokali u reġjonali.

L-iskambju komunitarju u kulturali huwa wieħed mill-pilastri ewlenin li l-KMA kien qed jappoġġja u jiffaċilita permezz ta' diversi inizjattivi strateġiċi u ta' finanzjament. Ix-xogħol huwa kontinwament għaddej biex joħloq possibbiltajiet għal spazji kulturali lokali biex iservu bħala postijiet ta' skambju kulturali. Permezz tat-tnedija ta' dawn l-istrateġiji qed jiġi rikonoxxut il-bżonn li jsir aktar biex titrawwem il-bażi ta' assi kulturali distinti u diversi ta' kull reġjun f'Malta.

Fis-snin li ġejjin, l-KMA għandu l-intenzjoni li jiżviluppa u jinvesti aktar f'dawn l-oqsma strateġiċi, flimkien ma' oħrajn bħall-intraprenditorija, ir-riċerka, l-internazzjonalizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-iżvilupp kulturali. It-trikkib ma' setturi oħra bħal dawk tas-saħħa, l-ambjent u l-aspetti soċjali se jingħata aktar prominenza fi tweġiba għal urġenzi internazzjonali. Wieħed għandu jirrikonoxxi li fehim sottili tal-assi kulturali lokali huwa kruċjali biex l-KMA jirnexxilu jilħaq u jesplora territorju ġdid. Fid-dawl ta' dan, wieħed jitħeġġeġ li jara dawn l-istrateġiji jissarfu f'azzjoni flimkien mar-realizzazzjoni tal-għan strateġiku tal-KMA li jappoġġja l-benesseri kulturali tar-reġjuni Maltin fis-snin li ġejjin.

## Natalino Attard,
## Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali



**Wara l-aħħar proċess tar-Riforma tal-Gvern Lokali, u l-emendi tal-leġiżlazzjoni tal-Gvern Lokali, il-Kunsilli Reġjonali ssaħħitilhom il-bażi legali tagħhom u ngħataw aktar responsabbiltajiet importanti, fosthom l-inklużjoni ta' sett ta' funzjonijiet definiti fl-Att dwar il-Gvern Lokali. Il-kultura hija stabbilita f'dan il-mandat legali ġdid li jagħti s-setgħa lill-Kunsilli Reġjonali biex ikunu strumentali fl-iżvilupp kulturali reġjonali.**

L-Istrateġiji Kulturali Reġjonali huma maħsuba li jħallu impatt pożittiv fuq l-inizjattivi kulturali mmexxija mill-komunità u l-programmi li jindirizzaw għanijiet amibizzjużi biex jippermettu liċ-ċittadini kollha li jgħixu Malta u Għawdex jipparteċipaw b'mod attiv fil-kultura. Waqt li nissalvagwardjaw u nippromwovu l-patrimonju kulturali rikk tagħna, għandna nassiguraw ukoll li l-espressjoni kreattiva hija ffaċilitata u ċċelebrata madwar il-komunitajiet diversi.

Dawn l-istrateġiji se jservu bħala qafas għall-Kunsilli Reġjonali biex jikkollaboraw mal-Kunsill Malti għall-Arti u jimplimentaw pjan ambizzjuż li jsaħħaħ programmi eżistenti u joħloq inizjattivi ġodda. L-istrateġiji jfittxu wkoll li jtejbu l-koordinazzjoni bejn Kunsilli Lokali differenti għal inizjattivi kulturali u jiffaċilitaw il-ħolqien ta' opportunitajiet għal kollaborazzjonijiet ġodda ma' artisti, NGOs, istituzzjonijiet kulturali u partijiet ikkonċernati oħra.

Nifraħ lill-Kunsilli Reġjonali għall-impenn tagħhom biex jiżviluppaw dawn l-istrateġiji kulturali u nirringrazzja lill-Kunsill Malti għall-Arti talli beda dan il-proċess magħna. Aħna nibqgħu impenjati li nappoġġjaw it-twettiq tal-Istrateġiji Kulturali Reġjonali permezz ta' mezzi varji, imma wkoll permezz tal-Iskema għal Attivitajiet Kulturali eżistenti u riżorsi oħra li se jiġu allokati mill-gvern fis-snin li ġejjin.

## Mary Ann Cauchi,
## Direttur Fondi u Strateġija, Kunsill Malti għall-Arti



**L-iżvilupp kulturali reġjonali u lokali huwa prijorità ewlenija tal-Kunsill Malti għall-Arti biex jinċentivizza u jtejjeb aktar il-valorizzazzjoni ta' forom distinti ta' espressjoni kulturali u kreattiva.**

Is-sitt Strateġiji Kulturali Reġjonali jiġbru trikkib sostanzjali u objettivi strateġiċi distinti u jipprovdu qafas rikonoxxut għall-kollaboraturi, fosthom l-KMA, biex isostni u jiffaċilita dawn ir-relazzjonijiet. Dawn jippermettu wkoll biex jipprijoritizzaw u jistimulaw aktar il-vitalità kulturali u kreattiva tar-reġjuni u l-lokalitajiet ta' Malta, li jinkludu fost oħrajn il-komunitajiet, il-prattiki, ir-riżorsi u l-infrastruttura tagħhom.

Matul is-snin li ġejjin, l-KMA huwa impenjat biex jappoġġja u jinvolvi ruħu mal-Kunsilli Reġjonali permezz ta' kollaborazzjonijiet mal-Kunsilli Lokali, l-organizzazzjonijiet, il-prattikanti kreattivi u partijiet ikkonċernati oħra, biex l-inizjattivi jitmexxew mill-komunitajiet. Permezz ta' direzzjoni, faċiltar u appoġġ strateġiku, l-impenn tal-KMA huwa rifless f'aktar effiċjenza, aktar riżorsi u l-aħjar użu possibbli tagħhom, u l-mobilizzazzjoni tal-proċessi biex jiġu vvalorizzati aktar l-importanza tal-arti u l-kultura fil-ħajja ta' kuljum ta' kulħadd. Il-kollaboraturi involuti f'dan il-proċess huma impenjati jrawmu, jipproteġu u jippromwovu d-diversità tal-espressjoni kulturali, iżidu l-aċċessibbiltà u jinċentivizzaw il-parteċipazzjoni attiva.

Diġà sar xogħol sinifikanti biex jitqiegħdu l-pedamenti fl-aħħar stadji qabel it-tnedija u sussegwentement it-twettiq tagħhom. Fost oħrajn, dawn jinkludu it-twaqqif ta' rwoli definiti b'mod wiesa' u strutturi biex jiffaċilitaw il-fehim tas-sisien meħtieġa biex isostnu approċċ parteċipattiv. Wara l-ħidma bla waqfien fil-ħolqien ta' dawn l-istrateġiji, proċess kontinwu ta' familjarizzazzjoni intensiva ppermetta lill-KMA jasal għal diversi objettivi strateġiċi ġeneriċi. Dawn huwa primarjament relatati mat-tiswir tal-għarfien, ir-riċerka, it-titjib tal-infrastruttura kulturali, l-iffaċilitar tal-ipprogrammar u l-governanza kulturali lokali u reġjonali, u l-iżvilupp ta' strutturi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ kontinwu. Inizjattivi relatati ma' ħolqien ta' spazji, innovazzjoni soċjali, il-kwalità tal-ambjent u d-disinn urban kreattiv se jkunu ta' prijorità u inċentivizzati. Bl-istess mod, wieħed jista' jiġbed l-attenzjoni biex jeleva l-assi tal-komunità u l-infrastruttura kulturali; jivviżwalizza possibbiltajiet ġodda għal spazji; jgħaqqad komunitajiet; u joħloq u jsaħħaħ opportunitajiet għal sħubijiet.

It-twettiq ta' dawn l-istrateġiji huwa dipendenti għalkollox mir-rieda u l-motivazzjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha li jaħdmu id f'id, jifhmu prijoritajiet u objettivi differenti, jikkollaboraw u jiġu appoġġjati. Il-ħolqien ta' sitt strateġiji uniċi huwa pass importanti fir-realizzazzjoni li kull reġjun huwa distint u differenti u li l-proċessi inizjali ta' familjarizzazzjoni huma kruċjali biex jiġu mifhuma l-uniċità tal-komunitajiet, u l-isfidi u r-riżorsi tagħhom. It-triq li qed tinfetaħ quddiemna daqskemm hija eċitanti hija ta' sfida, imma l-KMA se jistinka biex ikompli jisma', jifhem u jikkollabora biex isaħħaħ il-pożizzjoni tal-arti u l-kultura fi ħdan il-komunitajiet u l-postijiet.

## Sandro Azzopardi,
## President, Kunsill Reġjonali Punent



**Ir-Reġjun Punent twaqqaf f'Jannar tal-2022 skont l-Att Nru XIV tal-2019, riżultat tal-proċess ta' riforma tal-Gvern Lokali. Ir-reġjun jinkludi 10 lokalitajiet, li jinsabu fil-punent tal-gżira ewlenija tal-Gżejjer Maltin – l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, Ħad-Dingli, Ħal Kirkop, l-Imqabba, il-Qrendi, ir-Rabat, Ħal Safi u ż-Żurrieq. Bi storja li tinfirex fuq aktar minn 6,000 sena, żewġ siti ta' wirt storiku dinji tal-UNESCO, belt kapitali storika u aktar minn 100 sit ta' importanza storika, ir-Reġjun Punent ikopri aktar minn kwart tal-arja kollha tal-Gżejjer Maltin, b'popolazzjoni ta' madwar 60,000.**

Il-kultura tagħna tiddetermina min u x'aħna, tagħġen kif inġibu ruħna, naħsbu u nikkomunikaw. Qiegħda kullimkien u madwarna, individwali, u unika. Il-kultura hija forza vitali li timbotta lin-nies u lill-komunitajet 'il quddiem. Għal dawn ir-raġunijiet, ridna naċċertaw li l-Istrateġija Kulturali kulturali tagħna tiddefinixxi l-uniċità tal-komunitajiet tagħna, u tidentifika l-prijoritajiet kulturali tagħna li jirriflettu l-bżonnijiet u xi rridu bħala komunitajiet lokali, bħala Reġjun u bħala pajjiż.

L-għan tal-Istrateġija Kulturali li qed nippreżentaw, hija li nagħqdu u nrawmu l-aspetti kulturali u l-pajsaġġ tal-għaxar Kunsilli Lokali. Is-sessjonijiet ta' riċerka u konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali kollha involuti saru b'mod li jassigura li din l-istrateġija tirrifletti x'għandha bżonn u xi trid kull lokalità. Is-sessjonijiet ta' konsultazzjoni inkludew lill-Kunsilli Lokali, lill-konsulenti kulturali u lir-rappreżentati mir-Reġjun Punent. Barra minn hekk, din kienet infurmata mill-konverżazzjoni kulturali nazzjonali tagħna.

L-istrateġija hija mirfuda minn azzjonijiet biex jappoġġaw lis-settur, jibnu sħubijiet ġodda u jgħinu lill-komunitajiet jiżviluppaw u jiċċelebraw il-kultura tagħhom. Għandha l-għan li tieħu kemm tista' mir-riżorsi u żżid l-effiċjenza tagħhom, u żżid l-opportunitajiet għal attivitajiet kulturali varji u li tagħmel il-kultura aktar aċċessibbli fiċ-ċentru ta' kull lokalità. Fuq kollox, assigurajna li din l-istrateġija tinvesti fis-suċċess kulturali, soċjali u ekonomiku tar-Reġjun billi ssaħħaħ il-wirt kulturali tar-reġjun kollu.

L-investiment mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fl-involviment tal-Maniġer Kulturali Reġjonali se jgħin lir-Reġjun Punent biex itejjeb il-prodott kulturali ta' kull Kunsill Lokali. Il-manager reġjonali se jintegra mad-dikjarazzjoni tal-missjoni tagħna billi jmexxi r-riżorsi tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali b'mod għaqli u jaħdem b'mod effettiv biex jipprovdi servizz kulturali professjonali.

Permezz tas-sinerġija tal-għaxar Kunsilli Lokali u l-firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet fir-Reġjun, fil-ħames snin li ġejjin nistgħu nilħqu dan u aktar. Bit-trawwim ta' relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati kollha u Kunsilli Reġjonali oħra, se nfittxu li nħarsu lejn il-kwistjonijiet minn kull lat possibbli permezz ta' sessjonijiet ta' konsultazzjoni u billi nitgħallmu mill-aqwa prattiki. Permezz tal-kollaborazzjoni u l-azzjoni, nistgħu nagħmlu differenza pożittiva fil-ħajjiet tar-residenti fil-komunitajiet tagħna u nsawru Malta aktar b'saħħitha.

# Ħarsa Ġenerali



**Daqs tar-Reġjun**

83.2km² (26%)
320km² (Nazzjonali)

**Popolazzjoni**

54,530 (2008) — 59,287 (2020)
410,926 (Nazzjonali, 2008) 516,100 (Nazzjonali, 2020)

**Rata ta' Tkabbir Annwali Komposta tal-Popolazzjoni (CAGR)**

7.00%

**Lokalitajiet b'Bidliet Sinifikanti**

L-Imdina -0.5%

# Riżorsi Kulturali




**Libreriji Reġjonali**

Libreriji Reġjonali: 1 | Post: Ir-Rabat

Self ta' Kotba: 110,268
1,031,868 (Nazzjonali, 2019)

# Parteċipazzjoni kulturali

## % tal-popolazzjoni fir-reġjun li tattendi




## % tal-popolazzjoni fir-reġjun involuta b'mod attiv fil-festeġġamenti tal-Kunsilli Lokali




# Attivitajiet tal-Kunsilli Lokali fir-reġjun (2018)

**29**
Korsijiet offruti
127 (Nazzjonali)

**14**
Proġetti ta' restawr
37 (Nazzjonali)

**40%**
Kollaborazzjonijiet mal-NGOs lokali
54.10% (Nazzjonali)

**21**
Avvenimenti kulturali
177 (Nazzjonali)

**14**
Avveniment annwali
142 (Nazzjonali)

**0**
Aktar frekwenti minn darba
7 (Nazzjonali)

**7**
Ta' darba
28 (Nazzjonali)

**€116,836**
Nefqa totali fuq avvenimenti kulturali minn budget tal-Kunsilli Lokali
€1,072,078 (Nazzjonali)

**€48,675**
Dħul totali minn għotjiet u sponsorships
€440,408 (Nazzjonali)

# 1. Introduzzjoni

L-istrateġija kulturali għar-Reġjun Punent tiġbor it-temi kulturali u l-prijoritajiet l-aktar importanti għar-reġjun mill-2022 'il quddiem. Din l-istrateġija kulturali, l-ewwel waħda għar-reġjun, kienet żviluppata mill-Kunsill Reġjonali, il-Kunsilli Lokali, l-organizzazzjonijiet kulturali nongovernattivi, l-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, il-prattikanti kulturali u r-residenti tal-lokalitajiet. Ir-Reġjun Punent jinkludi dawn il-lokalitajiet: l-Imdina, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, Ħad-Dingli, ir-Rabat, Ħal Kirkop, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Safi u ż-Żurrieq.

Il-proġett *Provvista ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġija Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Reġjonali* huwa mmexxi mill-Kunsill Malti għall-Arti f'kollaborazzjoni mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Malta. Dan jifforma parti mill-proġett ESF.04.079 bl-isem Create 2020: Ninvestu fil-ħiliet ta' kapaċità kulturali u kreattivi fis-settur pubbliku ta' Malta finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew Programm Operazzjonali II – Il-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej 2014 – 2020 *Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromwovu t-tisħiħ tas-soċjetà*. Ir-rata ta' konfinanzjament ta' dan il-proġett hija 80% fondi tal-UE u 20% fondi nazzjonali.

Din l-istrateġija:

- Tesplora u tkejjel il-bażi tal-assi għall-kultura fir-Reġjun Punent.
- Tipprovdi sommarju tal-assi kulturali ewlenin tar-reġjun, tal-irwol distintiv li għandha l-kultura, tanalizza n-nuqqasijiet, u tirrakkomanda bini u tisħiħ ta' kapaċitajiet biex il-kultura tieħu rwol ewlieni fl-iżvilupp tar-reġjun.
- Tressaq każ strateġiku għall-kultura – bħala ingredjent vitali għas-soċjetà ċivili, għal tkabbir inklussiv, u approċċi sostenibbli għall-komunità u l-lokalità.
- Tipprovdi opportunitajiet għall-kollaborazzjoni u punt ta' riferiment mar-reġjuni madwar l-Ewropa – biex ir-reġjun jista' jkun kemm pijunier kif ukoll imsieħeb ta' żvilupp immexxi mill-kultura bl-aħjar prattika.

Ir-riċerka li hija l-pedament ta' din l-istrateġija involviet konsultazzjoni kwalitattiva estensiva biex tfassal u tifhem l-assi kulturali tar-reġjun. Dan inkluda analiżi dokumentattiva tal-assi kulturali, stħarriġ, u perjodu ta' diskussjoni kritika u konsultazzjoni li pprovdew sett ta' perspettivi friski fuq l-irwol li tista' tieħu l-kultura fit-tiswir tar-reġjuni tal-Gżejjer Maltin. L-istrateġija tirrikonoxxi l-kontribuzzjoni ta' valur li l-kultura diġà tagħti lir-reġjuni differenti, imma tenfasizza l-potenzjal f'impenn u żvilupp usa' li jistgħu jipprovdu futur aħjar għal kulħadd.

L-għan ġenerali ta' din l-istrateġija huwa li jagħmel is-sitt reġjuni tal-Gżejjer Maltin aktar dinamiċi, aktar miftuħa, aktar distinti, postijiet aktar pjaċevoli biex tkun fihom, juża l-poter tal-kultura biex jibni komunitajiet aktar b'saħħithom, aktar sani u aktar koeżivi, li jiddiversifika u jsaħħaħ l-ekonomija, jagħti ħajja mill-ġdid lill-patrimonju Malti u jgħin jindirizza l-isfidi soċjali u ekonomiċi li l-Gżejjer Maltin jiffaċċaw. Għall-għanijiet ta' din l-istrateġija, il-kultura hija definita fl-aktar sens usa' b'mod li tħaddan l-identitajiet u l-komunitajiet tagħna, il-wirt kulturali tagħna, il-mużewijiet, is-swali lokali tal-mużika, it-teatri, il-libreriji, il-festivals, il-festi, l-avvenimenti u l-prattikanti kulturali – l-artisti, il-makers, il-performers, il-mużiċisti, il-kittieba u dawk kollha fil-firxa wiesgħa ta' talenti kreattivi.



Festa San Leonardu. Ħal Kirkop, 2016. Ritratt ta' Pierre Balzia grazzi lill-Għaqda Mużikali San Leonardu AD1858 Ħal Kirkop

Biex tgħin tieħu kemm tista' mill-valur u l-influwenza tal-kultura madwar Malta u Għawdex u biex tiżgura li l-poter tal-kultura huwa utilizzat biex jindirizza l-isfidi soċjali u ekonomiċi reġjonali, din l-istrateġija għandha l-għan li:

- Trawwem għarfien aħjar tal-irwol u l-valur tal-kultura, li tibni fuq punti eżistenti b'saħħithom u tippromwovi wħud emerġenti.
- Tippromwovi investiment kulturali ekwu biex kulħadd jibbenefika minnu u jaċċessa l-kultura, irrispettivament mill-età, il-ġeneru, l-etniċità u elementi oħra ta' diversità.
- Tixpruna tiġdid tal-assi tal-wirt kulturali – kemm dawk mibnija kif ukoll dawk "intanġibbli" – li jinkludu l-knejjes, il-każini tal-baned, il-festi u l-festivals.
- Tinvesti f'komunitajiet aktar impenjati, aktar attivi, aktar b'saħħithom, u aktar kuntenti fejn il-parteċipazzjoni attiva tal-kbar u ż-żgħar f'attivitajiet kulturali diversi tkun in-norma.
- Tippromwovi u tappoġġja kultura ta' għajxien b'saħħtu u l-benesseri fi ħdan il-komunitajiet tagħna.
- Tiffaċilita t-tkabbir professjonali u s-sostenibbiltà tal-artisti, in-negozji kreattivi u l-organizzazzjonijiet li jikbru b'mod li jilħqu udjenzi u swieq ġodda u akbar, u li taċċessa talent aktar divers u rappreżentattiv tar-reġjun.
- Taċċessa talent aktar divers u rappreżentattiv tar-reġjun.
- Issaħħaħ l-ekonomija kulturali biex iżżid il-valur fuq l-ekonomija ġenerali billi tikkontribwixxi lejn l-industriji kreattivi, it-turiżmu, is-settur diġitali u x-xjenza.
- Ittejjeb l-identità u l-esperjenza reġjonali, tagħmilhom aktar dinamiċi, distinti u postijiet pjaċevoli biex tkun fihom.

# 2. Ir-Razzjonal Strateġiku għall-Kultura

Il-UNESCO (2005)[1] targumenta li t-tqegħid tal-kultura fil-qalba tal-istrateġiji tagħna huwa kemm l-azzjoni li tippermetti żvilupp sostenibbli kif ukoll mezz b'saħħtu li jixpruna l-kisba tagħha.

Il-UNESCO tafferma li:

- Il-kultura, li tinkludi b'mod sħiħ il-patrimonju (tanġibbli u intanġibbli) u l-industriji kreattivi, għandha rwol kritiku fis-soċjetajiet urbani u rurali u hija integrali għall-identità tagħhom waqt li ssejjes id-dinamiżmu tagħhom.
- L-industriji kulturali u kreattivi jistgħu jkunu katalisti vitali għall-iżvilupp u t-tiġdid għax jipprovdu aċċess għax-xogħol, jintroduċu enerġija kontemporanja, itejbu l-identità ta' soċjetà u jgħinu joħolqu postijiet aktar attraenti fejn tgħix, taħdem, tinvesti u żżur.
- Politika urbana u kulturali msejsa fuq il-patrimonju tikkontribwixxi wkoll għall-mitigazzjoni u l-adattament fil-bidla fil-klima, minħabba li l-konservazzjoni tal-istruttura eżistenti (mibnija fuq tekniċi tradizzjonali, materja u ħiliet lokali) tirrispetta aktar l-ambjent mit-tkissir u l-bini mill-ġdid tagħha.

Bl-istess mod, il-Kummissjoni Ewropea[2] tistabbilixxi l-irwol essenzjali li l-kultura għandha fl-iżvilupp lokali, partikolarment fit-tnaqqis ta' distakk fl-opportunitajiet bejn partijiet differenti tal-Ewropa. L-Unjoni Ewropea hija:

**fundamentalment proġett politiku u kulturali msejjes fuq valuri umanisti b'saħħithom. Il-fatt hu li n-nisġa tal-istorja Ewropea, id-diversità rikka tal-kultura Ewropea u r-riservi ta' kreattività Ewropea huma wħud mill-aktar karti importanti li nżommu f'idejna meta niġu għall-bini ta' futur Ewropew sinjur. Huwa b'ideat ġodda, kunċetti ġodda u proġetti ġodda li nistgħu nqumu għall-okkażjoni biex nagħmlu l-futur tagħna realtà. U huwa għalhekk li l-Kummissjoni Ewropea tiddefendi Ewropa li tinvesti fil-kultura, fl-edukazzjoni, fir-riċerka u fl-innovazzjoni. Dawn huma investimenti fit-tkabbir, impjiegi u koeżjoni soċjali tal-ġejjieni.**

A New Narrative for Europe (KESE, 2013)

Kull reġjun tal-Gżejjer Maltin għandu bażi ta' assi kulturali distintiva u diversa. Ir-reġjuni kollha għandhom xenarju b'saħħtu ta' wirt kulturali, ħafna drabi konċettwalizzat f'termini ta' binjiet storiċi, festi, każini tal-baned u approċċi tradizzjonali għall-mużika, is-snajja', l-agrikoltura u l-kċina. Dawn il-kulturi huma ħafna drabi marbuta ma' postijiet speċifiċi – villaġġi, irħula, saħansitra ma' nħawi. Permezz tal-bażi tat-talenti tal-poplu, l-enerġija tal-komunitajiet u permezz ta' perspettivi friski li popolazzjoni dejjem aktar diversa ġġib magħha, kull reġjun għandu xenarju kulturali affaxxinanti u f'xi każijiet kontemporanjament dinamiku. Issa l-opportunità hija li nirrikonoxxu u niċċelebraw dawn l-assi kulturali, li nkunu onesti u miftuħa fuq id-distakki u l-isfidi li għandna, u li niżviluppaw proċess strateġiku li fih il-kultura jista' jkollha rwol ewlieni fil-futur soċjali, ekonomiku, u ambjentali tar-reġjuni tal-Gżejjer Maltin.

1 Convention for the Protection and Promotion of a Diversity of Cultural Expressions (UNESCO, 2005). Ara t-test sħiħ: https://en.unesco.org/creativity/convention.

2 A New Narrative for Europe - The EESC resolution on the Conference on the Future of Europe (Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2021). Ara t-test sħiħ: https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/publications-other-work/publications/new-narrative-europe-eesc-resolution-conference-future-europe



Festa Medjevali. L-Imdina. Ritratt ta' Ray Attard

## 2.1. Il-funzjonijiet legali u l-eżiti strateġiċi

Din l-istrateġija tirrifletti l-funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali kif deskritt fl-Att dwar il-Gvern Lokali (ATT Nru XIV tal-2019).

| Il-funzjoni legali | L-eżitu ġenerali fil-qasam tal-kultura identifikat fl-istrateġija |
|---|---|
| **L-aspett soċjali, li jinkludi riċerka u evalwazzjoni tal-impatt soċjali. Dan ir-rapport għandu jinkiteb fl-ewwel sena ta' kull leġiżlatura.** | Din l-istrateġija hija bbażata fuq l-evidenza miġbura mir-riċerka estensiva kwalitattiva u kwantitattiva li saret bħala parti mill-proċess. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni huma integrati bħala eżitu tal-istrateġija. |
| **L-għoti ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-reġjun, liema għajnuna tinkludi l-provvista ta' servizzi professjonali li għandhom x'jaqsmu mas-is-setturi ambjentali, soċjali, kulturali, turistiċi u l-informatika.** | Għajnuna mir-reġjun fil-qasam tal-kultura hija mniżżla fir-riżultati tanġibbli tal-istrateġija, li tipprijoritizza l-irwol tar-reġjun bħala faċilitatur tal-iżvilupp kulturali. |
| **L-għoti ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-reġjun biex tgħinhom jibbenefikaw minn fondi tal-Unjoni Ewropea u jmexxu b'suċċess programmi li huma ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea.** | L-għanijiet imressqa f'dan id-dokument jistgħu jservu bħala bażi strateġika għall-identifikazzjoni tal-proġetti kulturali li jistgħu jiġu kofinanzjati mill-programmi tal-Unjoni Ewropea. |
| **Il-koordinazzjoni ma' Kunsilli Lokali f'attivitajiet u inizjattivi sportivi u fiżiċi, inkluż dawk li għandhom x'jaqsmu mal-benesseri.** | Il-kultura bħala inċentiv għall-attività fiżika u l-benesseri taċ-ċittadini ġiet integrata fl-istrateġija bħala riżultat tanġibbli. |
| **Il-koordinazzjoni ma' ministeri, dipartimenti u entitajiet governattivi li jiffaċilitaw ix-xogħol tal-Kunsilli Lokali.** | L-istrateġija ssejjaħ għal kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-ministeru responsabbli mill-kultura, il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi sabiex tiżgura suċċess. |
| **Li jagħtu opinjoni rigward il-Pjan Lokali li se tkun mehmuża mar-rapport imressaq lill-Kamra.** | Is-sostennibbiltà urbana u rurali permezz tal-kultura u l-protezzjoni tal-patrimonju kulturali huma identifikati bħala komponenti strateġiċi ewlenin li jimpattaw il-Pjanijiet Lokali. |
| **Il-preparazzjoni ta' Pjan ta' Ħidma annwali li jidentifika ir-riżorsi finanzjarji u umani li r-reġjun għandu bżonn.** | It-twettiq tal-istrateġija hija mehmuża mal-Pjanijiet ta' Azzjoni annwali mwettqa mir-reġjun u l-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-reġjun. |



Festa Medjevali. L-Imdina. Ritratt ta' Ray Attard

### 2.1.1. L-irwol tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali

L-istrateġija tikkunsidra l-obbligu legali tal-Kunsilli Reġjonali li jipprovdu lill-Kunsilli Lokali b'għajnuna biex jindirizzaw il-funzjonijiet kulturali tagħhom kif deskritt fl-Att dwar il-Gvern Lokali, jiġifieri li:

- Jipprovdu għat-twaqqif, iż-żamma u l-manutenzjoni taċ-ċentri kulturali.
- Jamministraw libreriji lokali bħala parti minn skema nazzjonali u jassiguraw li huma aċċessibbli kemm jista' jkun għal kulħadd.
- Jissalvagwardjaw l-identità lokali u jieħdu l-miżuri neċessarji biex jissalvagwardjaw il-patrimonju storiku u kulturali, it-tradizzjonijiet u l-folklor.
- Jestendu l-għajnuna lill-artisti fil-lokalità tagħhom biex jgħinuhom jiżviluppaw it-talenti tagħhom.
- Jorganizzaw attivitajiet kulturali li jippromwovu l-lokalità b'kwalunkwe mod possibbli.
- Jippromwovu l-kunċett ta' tagħlim matul il-ħajja mar-residenti kollha, partikolarment mal-adulti u l-anzjani, billi jipprovdu opportunitajiet ta' tagħlim matul il-ħajja fil-lokalità.

Waqt li l-benesseri, is-sostennibbiltà u d-deċentralizzazzjoni ġew aktar viżibbli *fil-Politika Kulturali Nazzjonali* (PKN) 2021 (Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali, 2021), l-irwol ta' tmexxija tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali f'dan il-proċess se jsir saħansitra aktar importanti.

Il-PKN 2021 tiddikjara li l-mandat kulturali tal-Kunsilli Reġjonali u Lokali se jitwessa' biex jinkludi tmexxija mtejba tar-riżorsi għall-infrastruttura kulturali lokali u l-wirt kulturali u inizjattivi għal innovazzjoni kulturali u impenn fi ħdan il-komunità (Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali, 2021). Il-PKN tirrikonoxxi l-bżonn li timplimenta Strateġiji Kulturali Reġjonali permezz ta' introduzzjoni ta' proċeduri amministrattivi koerenti għall-ġestjoni u l-koġestjoni ta' avvenimenti kulturali u programmi edukattivi. Dawn jinkludu programmi ta' tagħlim matul il-ħajja li jirriflettu l-bżonnijiet tal-komunità, li jikkunsidraw il-bidliet fid-demografija u l-popolazzjoni f'reġjuni differenti f'dawn l-aħħar ftit snin. F'reġjuni b'konċentrazzjoni għolja ta' residenti mhux Maltin, il-Kunsilli Reġjonali għandhom speċifikament joħolqu programmi li huma mfassla eżattament għal din il-bidla bil-għan li jintegraw lir-residenti kollha fi ħdan ir-reġjuni.

Minkejja l-karatteristiċi distinti tar-reġjuni, il-PKN 2021 tappoġġja wkoll miżuri għal kollaborazzjoni u networking bejn ir-reġjuni fit-tfassil tal-programmi kulturali tagħhom, il-ġestjoni tagħhom tal-wirt kulturali, il-kontribuzzjoni tagħhom fir-restawr tal-faċċati u l-isforzi tagħhom għal ġestjoni sostenibbli tal-ambjent kulturali.

Din l-istrateġija tibni fuq il-prijoritajiet nazzjonali li jinkludu titjib tal-aċċess kulturali u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini, tappoġġja d-diversità kulturali u l-integrazzjoni u tibni sħubijiet ġodda bejn istituzzjonijiet kulturali pubbliċi, reġjuni u NGOs kulturali bill tindirizza miżuri strateġiċi li jittrattaw l-isfidi speċifiċi, li jidentifikaw ukoll il-punti b'saħħithom u l-elementi uniċi tal-lokalitajiet fi ħdan ir-reġjun li jistgħu jitpoġġew fil-vetrina. Il-PKN tirrifletti wkoll fuq kif il-kultura u l-arti jistgħu jwieżnu, jappoġġjaw u jsostnu attività speċifika fit-turiżmu lokali, l-edukazzjoni, l-ekonomija u s-saħħa.

Ir-reġjuni jistgħu, permezz ta' approċċ koordinat u ambizzjuż għal sħubija u investiment, jiġu mogħnija permezz ta' bini fuq l-assi kulturali tagħhom, isaħħu s-sħubijiet, jiżviluppaw kapaċità fl-għarfien u l-ħiliet, jippjanaw proġetti għat-tul taż-żmien, u jinkoraġġixxu tipi ġodda ta' kultura li jiffjorixxu biex it-tradizzjoni u l-innovazzjoni jkunu jistgħu jimxu id f'id.

Il-Kunsilli Reġjonali, permezz tal-ispirazzjoni mill-għarfien u l-esperjenzi ta' nies li jaħdmu bla heda għal-lokalitajiet u l-evidenza b'saħħitha li ħarġet mir-riċerka, huma fdati li jippermettu l-iżvilupp kulturali fir-reġjun permezz tal-qafas strateġiku u riżorsi oħra li jistgħu jiġu megħjuna fuq livell kemm nazzjonali kif ukoll Ewropew. Din l-istrateġija hija mfassla fuq tliet temi trasversali li huma komuni għar-reġjuni kollha u tintroduċi wkoll prijoritajiet għal kull reġjun.

# 3. It-Temi Trasversali Ewlenin għall-Kultura madwar il-Gżejjer Maltin

Din l-istrateġija hija mfassla fuq tliet temi trasversali komuni għar-reġjuni kollha u tintroduċi prijoritajiet speċifiċi għal dan ir-reġjun.

Matul l-analiżi tal-assi kulturali, l-opportunitajiet u l-isfidi kulturali ta' kull reġjun mis-sitta li jagħmlu parti minn dan il-programm ġenerali ta' riċerka, ħarġu fid-deher sett ta' tliet temi komuni bejniethom, jew aħjar 'trasversali'. It-temi jirriflettu realtà komuni ta' żvilupp għall-Gżejjer Maltin bħala nazzjon relattivament żgħir li għandu patrimonju mill-aktar għani x'joffri u bi sfidi sinifikanti ta' kapaċità, sħubija u investiment. It-temi huma introdotti fil-paġni li ġejjin.

## Tema Numru 1: L-iżvilupp tat-talent

Ir-reġjuni tal-Gżejjer Maltin huma mimlija b'talent kulturali u kreattiv, bil-poplu jkun ir-riżorsa kulturali ewlenija tan-nazzjon. Pereżempju, jeżisti għarfien espert f'firxa ta' forom kulturali tradizzjonali, inkluż l-arti u l-prestazzjonijiet li jingħataw marbuta mal-karnival, il-każini tal-baned, u l-firxa enormi ta' festivals u avvenimenti. Hemm memorji kulturali, riti u ritwali distinti li jqanqlu l-immaġinazzjoni popolari u jimmobilizzaw varjetà wiesgħa ta' attivitajiet kulturali.

Barra minn hekk, kull reġjun għandu taħlita ta' qawwiet uniċi espressi fil-ħiliet, l-attivitajiet u l-aspirazzjonijiet tal-poplu. Madankollu, għadna m'aħniex insarrfu l-potenzjal sħiħ tal-firxa ta' talenti kreattivi. Hawn wisq nies li jsibuha diffiċli jibnu karriera sostenibbli fil-kultura. Jeżistu limiti serji ta' kapaċità għall-organizzazzjonijiet kulturali, b'ħafna minnhom ibatu biex ilaħħqu mal-ispejjeż u jikbru sostenibbilment. Komunitajiet emerġenti minn partijiet differenti tad-dinja għadhom ma sabux pjattaforma biex jesprimu l-kultura tagħhom u jikkontribwixxu għal fużjoni dejjem tikber ta' tradizzjonijiet kulturali madwar ir-reġjuni.

*Din it-tema hija dwar il-bini ta' kapaċità, ħiliet u sħubijiet fi ħdan il-bażi ta' talent kulturali. L-intenzjoni tagħha hija li timmobilizza l-forza tax-xogħol kulturali fejn ħafna aktar nies huma attivi joħolqu l-kultura – kemm professjonalment kif ukoll bħala parti ċentrali f'ħajjithom. Din it-tema tfittex li tassigura li s-settur kulturali jkun miftuħ għal kulħadd u jsarraf bl-aqwa mod possibbli l-ideat, l-aspirazzjonijiet, l-enerġiji u l-ħiliet ta' popolazzjoni li qed issir dejjem aktar diversa. Din it-tema tipprijoritizza l-iżvilupp ta' programmi u l-infrastruttura li tipprovdi kundizzjonijiet li jippermettu lit-talent jiffjorixxi. Dan jinkludi l-introduzzjoni ta' edukazzjoni kulturali u tal-arti; l-iżvilupp ta' ħiliet speċjalisti kulturali, appoġġ għall-ġestjoni u l-intraprenditorija; u, l-koordinazzjoni ta' ċentri kulturali, networks, u attivitajiet ta' sħubija li jibnu viżibbiltà, vuċi u fiduċja madwar is-settur kulturali.*

## Tema Numru 2: L-involviment tal-udjenza

Il-kultura hija stil ta' ħajja għall-poplu tal-Gżejjer Maltin. Meta mqabbla ma' ħafna partijiet tal-Ewropa, il-livell ta' parteċipazzjoni f'avvenimenti kulturali, bħall-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-karnival, huwa għoli. Għal ħafna, il-parteċipazzjoni f'avvenimenti kulturali (u l-preparazzjoni tagħhom) hija parti mill-istil ta' ħajjithom. Madankollu, lil hinn minn firxa relattivament dejqa ta' attivitajiet kulturali, l-udjenzi għadhom emerġenti. Jeżisti nuqqas ta' parteċipazzjoni attiva f'attivitajiet kulturali u xi drabi n-nisa jħossuhom esklużi minn avvenimenti li huma mmexxija b'mod predominanti mill-irġiel. Komunitajiet ta' minoranzi etniċi u persuni b'diżabbiltà jesperjenzaw sens ġenerali ta' esklużjoni minn parteċipazzjoni attiva fil-forom kulturali kollha. Jista' jsir ħafna aktar biex jinbnew udjenzi attivi li huma interkulturali u interġenerazzjonali li jħossuhom jistgħu jikkontribwixxu għall-mod li l-kultura hija preżentata, promossa u programmata.

*Din it-tema tiffoka fuq it-tisħiħ ta' udjenzi attivi u diversi għal varjetà ta' forom kulturali madwar kull reġjun. It-tema tipprijoritizza l-inklużjoni soċjali bħala prinċipju għal sistema kulturali dinamika u responsabbli. Tinkoraġġixxi organizzazzjonijiet kulturali u NGOs biex jaħdmu fi sħubija biex jifirxu l-offerta kulturali, biex jevitaw ħbit tal-istess dati fil-programmi kulturali u biex tinkoraġġixxi koordinazzjoni ta' programmi u l-komunikazzjoni tagħhom. Tappoġġja tlaqqigħ ta' attivitajiet, bħal sistemi komuni ta' promozzjoni u biljetti, approċċi koordinati għall-involviment ta' udjenza fost komunitajiet li mhumiex involuti b'mod adekwat u timmira għal interventi li jinkoraġġixxu turiżmu kulturali, li fih it-turist huwa membru attiv tal-udjenza aktar milli spettatur fil-periferija tal-attività.*

## Tema Numru 3: Innovazzjoni tal-wirt storiku

Ir-reġjuni tal-Gżejjer Maltin għandhom storja magħmula minn diversi saffi, b'kull wieħed minnhom magħġun mill-poplu li għex fil-gżejjer f'dak iż-żmien, u li joħloq sens distint ta' identità u post. Il-wirt storiku tal-Gżejjer Maltin jiġbor firxa sorprendenti ta' assi kulturali tanġibbli u intanġibbli: il-ġid ta' tempji antiki, ċittadelli, knejjes u katidrali, xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija, toroq mill-isbaħ u pjazez ħajjin li huma animati b'festivals, mużika u avvenimenti li joħolqu l-memorji. Ħafna mill-enerġija, ir-riżorsi u l-prijoritajiet għall-kultura ffokaw fuq il-protezzjoni u r-restawr ta' assi ta' wirt storiku tanġibbli, li huwa vitali jekk il-pajjiż irid jibqa' jkun ġawhra fil-Mediterran. Għandu jiġi żgurat li l-iżvilupp bla rażan ma jikkompromettix is-saħħa tal-wirt storiku Malti, u li t-turiżmu kulturali jkun utilizzat biex ikollu rwol fil-preservazzjoni u s-sostenibbiltà ta' dak li joffri l-wirt storiku. Madankollu, xi drabi, l-attenzjoni partikolari fuq il-protezzjoni llimita l-potenzjal tal-innovazzjoni tal-wirt storiku – li permezz tiegħu assi tal-wirt storiku jingħataw ħajja ġdida u jitqiesu b'mod ġdid bħala spazji, pjattaformi jew forom oħra għal użu kontemporanju fejn narrattivi differenti jiġu espressi b'mod li jpoġġu l-futur bħala tluq mill-passat.

*Din it-tema tiffoka fuq il-patrimonju bħala riżorsa għal żvilupp kulturali kontemporanju u innovazzjoni. Huwa hawnhekk fejn l-organizzazzjonijiet kulturali u l-udjenzi tagħhom jieħdu rwol attiv biex jinvolvu ruħhom mal-passat u jmexxu 'l quddiem possibbiltajiet għall-futur. Huwa hawnhekk fejn sħubijiet ġodda jiżviluppaw biex jikkonservaw lill-wirt storiku u jutilizzawh b'mod ġdid permezz ta' produzzjoni attiva ta' tipi ġodda ta' attivitajiet kulturali minn popolazzjoni li qed tinbidel. Huwa hawnhekk fejn it-turiżmu kulturali u l-industriji kreattivi jistgħu jgħinu jiġġeneraw dħul ġdid li jista' jerġa' jiġi investit fl-iżvilupp tal-wirt storiku.*

Għal kull waħda mit-tliet temi trasversali, ir-reġjun għandu sett ta' prijoritajiet strateġiċi distinti. Dawn huma introdotti fil-paġni li ġejjin.

## 3.1. Il-prijoritajiet komuni għall-kultura madwar is-sitt reġjuni

Kull tema trasversali hija marbuta ma' ħames prijoritajiet ewlenin:

### Tressiq tal-komunitajiet rurali u rħula żgħar

Tressiq tal-komunitajiet rurali u rħula żgħar biex jibnu rabtiet kulturali aktar b'saħħithom u l-kampanja titwassal fil-belt u l-belt titwassal fil-kampanja. Huwa vitali li l-komunitajiet huma konessi kemm internament kif ukoll esternament, b'opportunitajiet għall-membri tal-komunitajiet biex jipparteċipaw f'firxa ta' attivitajiet kulturali u jidħlu fi skambju u joħolqu flimkien kulturi ġodda li jtejbu l-benesseri u jiffaċilitaw sens aktar b'saħħtu tal-post.

### Bini tal-kapaċità fl-infrastruttura kulturali u għal organizzazzjonijiet kulturali

Bini tal-kapaċità fl-infrastruttura kulturali u għal organizzazzjonijiet kulturali b'impenn li jappoġġjaw organizzazzjonijiet kulturali emerġenti bħala komponent vitali ta' tiġdid kulturali u kreattiv dejjem għaddej. Dan ifisser ukoll li l-iżvilupp tal-prattika ta' governanza tajba fl-għażla tal-avvenimenti, fl-utilizzazzjoni tar-riżorsi disponibbli, fil-metodi tal-involviment tal-komunità u fid-dokumentazzjoni u l-analiżi tal-eżiti.

### Tisaħħaħ is-sħubija u d-diversifikazzjoni tal-investiment

Tisaħħaħ is-sħubija u d-diversifikazzjoni tal-investiment madwar Malta u Għawdex. Sħubijiet eżistenti jirrikjedu konsolidazzjoni, tisħiħ u innovazzjoni. L-imsieħba fi ħdan u bejn ir-reġjuni għandhom bżonn jirrinkwadraw l-approċċ tagħhom lejn l-investiment fil-kultura, waqt li jqegħduh wkoll fil-qalba tal-edukazzjoni, l-ippjanar, is-saħħa u l-benesseri. Dan se jirrikjedi sinerġija bejn il-partijiet ikkonċernati varji strateġiċi biex jiżviluppaw pjan kulturali komuni. Il-formazzjoni ta' Kumitat Kulturali Reġjonali, bil-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali, l-NGOs u l-prattikanti kreattivi, se jiffaċilitaw teħid tad-deċiżjonijiet aktar parteċipatorju. Mill-banda l-oħra, l-Uffiċjali Kulturali Reġjonali jappoġġjaw it-twettiq tal-istrateġija kulturali reġjonali.

### Id-dimensjoni Ewropea u lil hinn

Il-Gżejjer Maltin huma ċentru b'rabtiet storiċi b'saħħithom ma' ħafna pajjiżi imma għandhom isiru sforzi biex jinnewtralizzaw it-tendenza li qed tikber lejn l-insularità. Ir-reġjun jista' jkun konness b'mod aħjar mal-bqija tad-dinja u jista' jibbenefika minn skambju kulturali u sħubija ma' msieħba internazzjonali.

### Evalwazzjoni u evidenza

L-eżiti tal-istrateġija kulturali għandhom jitkejlu biex jgħinu lill-imsieħba biex jidentifikaw modi biex itejbu t-twassil tal-viżjoni u jassiguraw li din flimkien mat-temi tal-istrateġija tħalli impatt fit-tul taż-żmien. Dan jista' jgħin lil min iwettaq l-istrateġija biex jikseb fehim aħjar tal-assi ta' kull lokalità fi ħdan ir-reġjun, jikseb data reġjonali ta' valur fuq postijiet li ma jintużawx biżżejjed, u jifhem kif jista' jinvolvi b'mod aħjar lill-artisti residenti u lill-NGOs bbażati fiż-żona..

# 4. Il-Profil Kulturali tar-Reġjun Punent

## 4.1. Il-Profil

### 4.1.1. Il-profil demografiku

Il-lokalitajiet kollha fir-Reġjun Punent għandhom popolazzjoni ta' 59,287 (Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2020), li hija 11% tal-popolazzjoni kollha ta' Malta u Għawdex. Ir-reġjun għandu medda ta' 83.2km2, li hija 26% ta' Malta kollha. Din il-medda hija daqs tar-Reġjun Tramuntana, imma d-densità tal-popolazzjoni tar-Reġjun Punent hija n-nofs tar-Reġjun Tramuntana.

Fl-aħħar deċennju rajna tkabbir tal-popolazzjoni f'dan ir-reġjun ta' 0.7%, li hija waħda mill-iżgħar rati f'Malta, bil-lokalità tal-Imdina saħansitra tirreġistra tnaqqis fil-popolazzjoni tagħha.

### 4.1.2. Il-profil kulturali

Ir-Reġjun Punent għandu kultura rikka mmexxija mill-komunità, marbuta direttament mal-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi b'għeruq fondi li jsawru l-identità tal-irħula żgħar tiegħu. Ħal Safi u Ħal Kirkop huma l-iżgħar żewġt irħula fir-reġjun. Il-motto ta' Ħal Kirkop, *Parva non Ivers,* li jfisser "żgħir imma mhux wieqaf", jiddeskrivi tajjeb il-ħajja fil-villaġġi pittoreski ta' dan ir-reġjun. Ir-reġjun joffri ambjent rurali uniku u pajsaġġi pittoreski distinti (Għar Lapsi, il-Fawwara u l-Girgenti), b'lokalitajiet li huma magħrufa għat-tradizzjonijiet b'għeruq fondi relatati mal-agrikoltura (Ħad-Dingli u l-Qrendi) u s-sajd (iż-Żurrieq). Il-patrimonju intanġibbli tiegħu huwa ta' min isemmih permezz ta' djaletti lokali diversi li jinsabu speċjalment fir-Rabat u Ħaż-Żebbuġ, waqt li tradizzjonijiet oħra verbali huma trażmessi minn ġenerazzjoni għal oħra. L-għarfien lokali tas-sengħa fil-ġebla hija riżultat tal-ħafna barrieri li jinsabu fir-reġjun. Ir-reġjun huwa magħruf għall-attivitajiet marbuta mal-ħolqien ta' wirjiet tal-logħob tan-nar, partikolarment fl-Imqabba u l-Qrendi.

Ir-reġjun Punent huwa kustodju ta' siti ta' patrimonju ta' klassi mondjali li jinkludu s-siti rikonoxxuti mill-UNESCO, it-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra, u l-Imdina li bejniethom għandhom 4,000 sena ta' storja. Il-patrimonju rurali jinkludi kappelli mal-mogħdijiet bħal dawk fl-Imtaħleb u r-Rabat, il-Katakombi tal-Mintna fl-Imqabba, il-Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat u l-Mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq. Ir-reġjun għandu l-ogħla konċentrazzjoni ta' siti arkeoloġiċi rikonoxxuti f'Malta – 93 minn total ta' 235 (Awtorità tal-Ippjanar, 2022), u l-akbar ammont ta' komponenti fl-inventarju nazzjonali tal-patrimonju kulturali – 550 minn total ta' 2319 (Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, 2022).

L-assi kulturali fir-reġjun jinkludu wkoll disa' libreriji, b'dik fir-Rabat sservi bħala l-librerija reġjonali. Ir-reġjun jospita wkoll ħames teatri (kif dokumentat fil-katalogu Spazji Teatrali (Cremona et al., 2016), li huma: l-Iskola Primarja ta' Ħal Safi; is-Sala tal-Parroċċa tas-Siġġiewi, is-Seminarju tal-Arċisoqof, ir-Rabat; is-Sala Dun Karm Lia u l-Awditorju ta' Sant' Agata, it-tnejn li huma fir-Rabat. Ir-Reġjun Punent għandu parteċipazzjoni qawwija f'attivitajiet kulturali mmexxija mill-komunità bħall-festi tal-parroċċa (78%), il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u d-drammi tal-passjoni (55%) (Kunsill Malti għall-Arti, 2017). Ir-rata ta' parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet hija t-tieni l-ogħla mis-sitt reġjuni. Ir-rata ta' parteċipazzjoni f'festi tal-Kunsilli Lokali fir-reġjun hija ta' 2.9%, ftit ogħla mill-medja nazzjonali ta' 2.4%. Ir-Reġjun Punent jirreġistra parteċipazzjoni kulturali li hija anqas minn dik nazzjonali bħal spettakli teatrali live (28.5%); kunċerti / spettakli mużikali live

(33.1%); spettakli ta' żfin (10.1%); ċinema (33.7%); wirjiet artistiċi (28.2%); użu tal-librerija (19.4%); żjarat f'mużewijiet (29.3%) u siti storiċi (35.8%).

Ir-riċerka fuq inizjattivi kulturali mill-Kunsilli Lokali fir-reġjun li saret fl-2019 minn Esprimi tindika li l-lokalitajiet fi ħdan ir-reġjun irreġistraw l-ogħla numru ta' proġetti ta' restawr – 14 mis-37 madwar is-sitt reġjuni. Il-Kunsilli Lokali offrew 29 kors lir-residenti tagħhom. F'termini ta' avvenimenti kulturali, il-Kunsilli Lokali organizzaw 21 avveniment minn total ta' 177 madwar ir-reġjuni kollha. Ħafna mill-avvenimenti fir-reġjun jittellgħu kull sena u huma fil-biċċa l-kbira tagħhom klassifikati bħala festi agrarji u jiem ta' kommemorazzjoni. Fl-2018, in-nefqa totali fuq avvenimenti kulturali mill-Kunsilli Lokali fir-reġjun kienet ta' €116,868; ekwivalenti għal 11% ta' nefqa totali fuq avvenimenti kulturali mis-sitt reġjuni.

# 5. It-Temi u l-Prijoritajiet speċifiċi għar-Reġjun

## 5.1. Il-prijoritajiet speċifiċi għar-reġjun

Ir-Reġjun Punent għandu sett ta' prijoritajiet strateġiċi distinti li huma marbuta ma' kull tema trasversali u ma' temi addizzjonali li huma uniċi għar-reġjun.

**Marbuta mat-Tema Trasversali 1 – L-iżvilupp tat-talent. Mogħdija tal-għarfien indiġenu u prattiki tradizzjonali:** Tradizzjonijiet kulturali jingħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra. Xi tradizzjonijiet, bħal tradizzjonijiet relatati mal-agrikoltura u l-gastronomija, jingħaddu mill-ġenitur għall-wild, waqt li oħra jinbdew mill-komunità (bħall-festi tar-raħal li huma mwaqqfa minn organizzazzjonijiet volontarji bil-kontribuzzjoni tal-każini tal-baned u l-kmamar tan-nar). Din l-istrateġija tfittex li twaqqaf sistemi biex tiddokumenta, tippromwovi, u xxerred għarfien indiġenu ta' tradizzjonijiet lokali u prattiki fi ħdan ir-reġun biex tassigura li l-organizzazzjonijiet volontarji fi ħdan ir-reġjun ikomplu jiġu appoġġjati għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali. L-azzjonijiet mressqa f'din l-istrateġija jikkunsidraw l-aspetti interġenerazzjonali tal-mogħdija tal-għarfien u tista' titwettaq f'kollaborazzjoni ma' NGOs lokali, mexxejja tal-komunità u ċentri ta' riċerka kulturali.

### Eżempju ta' Prattika Tajba

**Qsim ta' memorji u rakkontar ta' stejjer**

**Darba Waħda** kien proġett ta' għaxar ġimgħat immexxi mill-prattikanta fl-arti applikata Anna Formosa, li għamel parti mill-programm tal-Fondazzjoni Valletta 2018. Il-proġett ittella' f'diversi lokalitajiet, fosthom Ħal Kirkop u s-Siġġiewi, u laqqa' lill-kbar maż-żgħar f'esperjenza konġunta. Dan iffaċilita l-qsim ta' memorji u l-ħolqien ta' wħud ġodda permezz ta' forom varjati ta' rakkontar ta' stejjer, ħafna drabi inkonvenzjonali, u permezz ta' tekniċi oħra kreattivi inkluż id-drama, l-improvizzazzjoni, it-tpinġija u l-ħolqien tal-pupazzi. Il-prattikanta ħadmet ma' Kunsilli Lokali, skejjel, ċentri ta' matul il-jum, u gruppi oħra komunitarji li użaw stejjer tradizzjonali, leġġendi, taqbiliet popolari u ħrejjef irrakkontati mill-parteċipanti nfushom.

**Marbuta mat-Tema Trasversali 1 – L-iżvilupp tat-talent. Tressiq tal-arti mal-wirt storiku naturali u kulturali:** Ir-reġjun għandu ħafna wirt storiku naturali u kulturali u huwa qabel xejn karatterizzat minn komunitajiet tradizzjonali u ambjent rurali. Din l-istrateġija tirrikonoxxi wkoll il-valur tal-arti bħala ħolqa bejn il-passat u l-futur. Madwar l-Ewropa, il-festivals tal-arti qed jiksbu popolarità. Avvenimenti bħal dawn huma ħafna drabi marbuta ma' prattiki sostenibbli tal-arti. Permezz tal-faċilitar tal-inizjattivi li jġibu t-talent u x-xogħol tal-artisti fi ħdan ir-reġjun fuq quddiem, din l-istrateġija tfittex li tqiegħed lir-reġjun bħala territorju li jagħti valur u jiċċelebra l-passat tiegħu, waqt li jingħata l-ħajja bil-kreattività u l-innovazzjoni tal-prattika artistika kontemporanja. Fil-każ ta' involviment ta' artisti internazzjonali, din l-istrateġija tipprijoritizza "mobbiltà kajmana u ekoloġika tal-arti" b'inizjattivi mmexxija minn proċessi bħal programmi ta' residenza li jinkoraġġuhom joħolqu u jippreżentaw xogħol fir-reġjun f'perjodu itwal.

### Eżempju ta' prattika tajba

**Festival ġdid tal-arti marbut mal-wirt storiku**

**Kwarta Tajba** tnieda fl-2021 minn Justin Formosa bħala festival artistiku ġdid fjamant li laqqa' l-kultura mal-wirt storiku permezz tal-mużika. L-ewwel edizzjoni ttellgħet f'żewġ siti differenti

f'Ħaż-Żebbuġ. Il-pubbliku kien mistieden jipparteċipa fi spettaklu innovattiv li inkluda sitt prestazzjonijiet uniċi waqt li daru madwar il-belt sabiħa ta' Ħaż-Żebbuġ. Il-mistiedna ħadu l-opportunità biex jesploraw il-wirt storiku tal-belt bejn prestazzjoni u oħra.

**Marbuta mat-Tema Trasversali 2 – L-involviment tal-udjenza. Avvenimenti u programmi kulturali:** Waqt li d-data attwali tindika parteċipazzjoni reġjonali baxxa f'tipi speċifiċi ta' attivitajiet kulturali (attivitajiet marbuta mal-arti u l-wirt storiku), ir-reġjun għandu parteċipazzjoni għolja f'ċelebrazzjonijiet immexxija mill-komunità (il-festi). Il-programmi artistiċi u kulturali fi ħdan ir-reġjun huma fil-biċċa l-kbira tagħhom organizzati mill-Kunsilli Lokali f'kollaborazzjoni ma' NGOs lokali, bħal każini tal-banda, u istituzzjonijiet bħal Heritage Malta. Ir-riċerka tissuġġerixxi l-bżonn li titjieb l-aċċessibbiltà tal-arti għar-residenti bħala offerta kulturali aktar diversa u kontinwa fi ħdan ir-reġjun. Huwa maħsub li l-attenzjoni partikolari fuq is-sostenibbiltà se twassal għall-organizzazzjoni ta' programmi u festivals ta' skala medja ta' arti ekoloġika, imfassla u mwassla minn artisti u organizzazzjonijiet artistiċi kemm mir-reġjun kif ukoll minn barra, li jintrabtu li jużaw prattiki sostenibbli bħall-użu ta' prodotti u materjali minn sorsi lokali.

## Eżempju ta' prattika tajba

**Kunċerti f'kappelli storiċi**
Id-duo ppremjat The New Victorians ippreżenta l-**Christmas Chapel Hop**, serje ta' kunċerti ta' siegħa, li ttellgħu f'kappelli, inkluż uħud fir-Reġjun Punent. Il-kunċerti inkludew innijiet tal-Milied miktuba mill-ġdid, li tkantaw f'kappella differenti għal kull lejl matul disat iljieli. Il-kappelli inkludew dik tal-Imtaħleb fir-Rabat u l-Maqluba fil-Qrendi.

**Marbuta mat-Tema Trasversali 2 – L-involviment tal-udjenza. "Turżimu tar-rotot" reġjonali:** Ir-Reġjun Punent jattira eluf ta' viżitaturi għall-imkejjen imfittxija ta' turiżmu kulturali – l-Imdina, ir-Rabat, l-Imnajdra, Ħaġar Qim u Wied iż-Żurrieq.


F'Ħakka t'Għajn. Is-Siġġiewi. Ritratt ta' Bjorn Bonello

Madankollu, ir-reġjun għandu assi kulturali oħra li għadhom relattivament mhux sfruttati u li jistgħu jikkontribwixxu għal prattiki aktar sostenibbli u esperjenzi ta' kwalità. Il-pandemija ħalliet impatt devastanti fuq it-turiżmu, u ħarbtet l-operat ta' siti u mużewijiet storiċi u l-impjieg ta' operaturi lokali tat-turiżmu.

Data ta' qabel il-pandemija tikxef osservazzjonijiet li din l-istrateġija se tfittex li tindirizza fil-proċess ta' rkupru post-COVID, waqt li tingħata attenzjoni speċifika lil vjaġġar indipendenti u l-ħolqien ta' esperjenzi awtentiċi. Dawn għandhom jinkludu esperjenzi relatati mal-gastronomija, l-arti u l-festivals, il-pellegrinaġġi, u n-natura.

"It-turiżmu tar-rotot" ġie rikonoxxut bħala mod potenzjali li jiżgura sostenibbiltà fi ħdan l-industrija tat-turiżmu u l-ġestjoni tal-ivvjaġġar (Ruritage, 2022). L-iskoperta mill-ġdid tal-kultura lokali u l-patrimonju naturali, flimkien ma' rotot reliġjużi, storiċi, ekoloġiċi jew gastronomiċi jipprovdu opportunitajiet kbar għal żoni li huma anqas esplorati biex jiġu esplorati.

Ir-rapport annwali ta' Heritage Malta tal-2019 juri li s-siti ta' patrimonju mondjali lokati fir-reġjun irrekordjaw tnaqqis ta' viżitaturi ta' 14.5% meta mqabbel mas-sena preċedenti, b'Ħaġar Qim jirrapporta l-aktar figuri baxxi (b'25,000 viżitatur anqas mis-sena preċedenti). Fl-2019, Ħaġar Qim irreġistra 161,698 viżitatur li ħallas u l-Imnajdra rreġistrat 111,178. Meta dawn il-figuri jitqabblu ma' dawk tal-2018, iż-żewġ siti rreġistraw l-akbar żieda ta' dħul bi ħlas f'perċentwali fix-xhur ta' Ottubru u Diċembru.

Fl-2019, il-Katakombi ta' San Pawl fir-Rabat u l-Mużew Nazzjonali tal-Istorja Naturali fl-Imdina rreġistraw riżultati pożittivi, waqt li d-Domus Rumana sofriet telf baxx ta' viżitaturi meta mqabbel mas-sena preċidenti. Fl-2019, il-katakombi rreġistraw l-akbar żieda notevoli ta' viżitaturi, b'aktar minn 10,000 viżitatur.

Il-medja ta' miljun u nofs viżitaturi li jżuru l-Imdina għadha tippreżenta diversi pressjonijiet fuq il-ġestjoni tal-belt u l-popolazzjoni żgħira dejjem tiċkien ta' 244 resident kif reġistrata fl-2020 (Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2020). Theuma et al. (2015) janalizzaw l-impatt tat-turiżmu fuq ir-residenti u l-avvenimenti organizzati fil-belt. L-istudju jfakkar kif, lura fl-1993, ir-riċerkaturi kienu diġà indikaw li r-residenti ħassew li qed ikunu obbligati li jissagrifikaw il-privatezza u t-trankwillità tagħhom għall-ġid nazzjonali mingħajr kumpens mill-gvern jew mill-operaturi tat-tours (Boissevain, 1996). Fl-istudju, Theuma et al. (2015, p.36) jargumentaw li "minkejja l-irwol b'saħħtu li għandu t-turiżmu fl-Imdina, il-lokalità m'għandhiex pjan sostenibbli għat-turiżmu." 41% tar-residenti stqarru li għandhom rwol jew huma involuti fl-ippjanar tal-attivitajiet turistiċi fil-belt. Ir-riċerkaturi stqarru li l-fatt li l-membri tal-komunità jħossu li qed jipparteċipaw jindika li l-lokalità qed tħares 'il quddiem u jifhmu li sakemm ma' jkunx hemm approvazzjoni sħiħa mill-komunità, ftit jista' jsir.

Fl-1998, l-Imdina kienet imniżżla fil-lista ta' siti tentattivi li jistgħu jiġu kkunsidrati għal nomina fil-Lista ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO. Il-progress fin-nomina jirrikjedi attenzjoni sinifikanti lejn l-impatti imposti mit-turiżmu u avvenimenti oħra fil-belt u kif dawn jaffettwaw l-istatus tagħha tal-UNESCO u l-valuri universali li jispikkaw tal-patrimonju dinji li l-Imdina tkun obbligata li tipproteġi.

L-istrateġija kulturali tar-Reġjun Punent se taħdem mill-qrib mal-Kunsilli Lokali, l-NGOs, il-prattikanti kulturali u partijiet ikkonċernati oħra privati u pubbliċi fit-turiżmu u awtoritajiet nazzjonali biex:

→ Tippromwovi lir-reġjun bħala destinazzjoni distinta sostenibbli turistika bbażata fuq esperjenzi uniċi u awtentiċi li joħorġu mill-istejjer tal-komunitajiet fi ħdan ir-reġjun u l-lokalitajiet tiegħu.
→ Tiddiversifika l-offerta tat-turiżmu kulturali fi ħdan ir-reġjun permezz tal-promozzjoni ta' turiżmu gastronomiku, avventuruż u reliġjuż, l-ambjent naturali, u l-esperjenzi artistiċi fi ħdan il-pajsaġġi naturali u storiċi tar-reġjun.

## Eżempju ta' prattika tajba

**Rotot ta' pellegrinaġġ**
*Il-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja* hija organizzata mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi flimkien mal-Każin tal-Banda San Nikola. Eluf ta' xemgħat u fjakkoli jixegħlu l-mogħdija mserrpa li tagħti għas-

Salib tal-Għolja fis-Siġġiewi. Mijiet ta' pellegrini Kattoliċi jagħmlu din il-mixja annwali jitolbu. Din it-tradizzjoni ilha ssir f'Ħamis ix-Xirka għal aktar minn 20 sena u kull sena tattira numru dejjem jikber ta' persuni. Iz-zuntier tal-Knisja San Nikola fil-pjazza tas-Siġġiewi huwa wkoll sit ta' spettaklu mill-isbaħ ta' fillieri sbaħ ta' lanterni u xemgħat li joħolqu ambjent spiritwali u seren.

**Marbuta mat-Tema Trasversali 3 – Innovazzjoni tal-wirt storiku. Promozzjoni tal-assi kulturali lokali:** Minkejja li ftit siti ta' wirt kulturali fir-reġjun jaqgħu taħt il-mandat dirett tal-Kunsill Lokali, il-lokalitajiet jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex jippromwovu u jissalvagwardjaw il-wirt storiku tagħhom, speċjalment meta assi bħal dawn ikunu mhedda. Id-definizzjoni ta' wirt storiku fi ħdan din l-istrateġija tiġbor assi kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, b'attenzjoni speċjali fuq pajsaġġ kulturali naturali u prattiki tradizzjonali. Ir-reġjun se jiffaċilita kollaborazzjoni bejn partijiet ikkonċernati inter/intrareġjonali u NGOs li jinkoraġġixxu sinerġiji u li jimminimizzaw frammentazzjoni fil-ġestjoni tal-assi. Għarfien akbar tal-assi tal-wirt storiku lokali se jiffaċilita l-għanijiet imsemmija f'din l-istrateġija biex jiddiversifikaw kontenut kulturali u jżidu l-aċċessibbiltà għall-arti u l-kultura.

Dan għandu jservi wkoll bħala katalista ta' proġetti innovattivi li jorbtu l-wirt storiku kulturali ma' oqsma ġodda ta' innovazzjoni teknoloġika u riċerka bħall-intelliġenza artifiċjali u r-realtà awmentata u virtwali.

## Eżempju ta' prattika tajba

**Esperjenza f'mużew f'realtà awmentata**

Il-viżitaturi f'Palazzo Falson fl-Imdina jistgħu jidħlu b'mod sħiħ fl-atmosfera storika tal-bini b'applikazzjoni interattiva li tippermettilhom isolvu l-misteri madwar il-mewt tal-protagonista ewlenija tal-logħba, Lady Caterina. L-awtriċi Griega Eleni Papadopoulou kitbet sett ta' stejjer ta' mħabba gotika fl-era medjevali, u flimkien mal-kumpanija ta' żvilupp tal-logħob Mighty Box, fasslet app li tinvolvi lil dawk li qed jilagħbu biex isegwu karattri differenti tal-logħba u jsolvu misteru permezz tar-realtà awmentata fuq mobile jew tablet waqt li jużaw l-ambjent tal-Palazzo. L-applikazzjoni hija bbażata fuq ir-realtà awmentata, li jfisser li l-viżitaturi jistgħu jinteraġixxu mal-madwar tagħhom permezz tal-mobile, b'oġġetti reali fil-kollezzjoni tal-Palazzo jingħataw interpretazzjoni u perspettiva differenti permezz ta' din it-tip ta' realtà.



Murali tal-Arti ġo Ġnien Tfulija mil-għaqda Right 2 smile b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti. Ħaż-Żebbuġ, 2021. Ritratt grazzi lill-Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ

## 5.2. It-temi speċifiċi għar-reġjun

### Tema A: In-natura

Ir-Reġjun Punent għandu daqs sinifikanti, li jkopri 26% tat-territorju tal-Gżejjer Maltin. Huwa jħaddan pajsaġġi naturali sbieħ u xenarji tal-baħar li jimmarkaw b'mod distint il-karatteristiċi rurali tal-lokalitajiet tiegħu. Il-lokalitajiet jinkludu wkoll siti ta' wirt storiku lokali, bħal kappelli mal-mogħdijiet u fdalijiet ta' rħula żgħar abbandunati. Kif jistqarr il-proġett Ewropew RURITAGE: Riġenerazzjoni rurali permezz ta' strateġiji mmexxija mill-patrimonju, "il-wirt storiku kulturali u naturali huma partijiet kruċjali tal-iżvilupp rurali u l-proċessi riġenerazzjonali, u għalhekk ta' speċjalizzazzjoni intelligenti. Meta jiġu identifikati l-qawwiet lokali u jinbnew strateġiji biex dawn jiġu sfruttati, il-wirt storiku kulturali u naturali ma jistgħux jiġu injorati minn forzi potenzjalment uniċi u ta' impatt għall-iżvilupp" (Ruritage, 2022). Permezz ta' tressiq ta' assi naturali uniċi tar-reġjun mal-iżvilupp kulturali u soċjali, din l-istrateġija tipprijoritizza s-sostenibbiltà ambjentali, id-diversità ekoloġika u l-promozzjoni ta' stil ta' ħajja sana bħala parti mill-aġenda kulturali tagħha.

### Tema B: Il-wirt kulturali

Ir-Reġjun Punent iħaddan 40% tal-elenkar nazzjonali fil-kategorija tal-arkeoloġija tar-Reġistru tal-Proprjetà Skedata ta' Malta. Il-ġid tar-reġjun f'wirt kulturali hu mifrux mill-kumpless tat-tempju megalitiku ta' Ħaġar Qim fil-Qrendi, li huwa wkoll meqjus bħala Sit ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO, sal-wirt fl-Imdina u r-Rabat li għandu aktar minn 4,000 sena. Waqt li l-prijorità ta' din l-istrateġija hija marbuta direttament mat-tema ġenerali ta' Innovazzjoni tal-Wirt, Istrateġija Kulturali Reġjonali tfittex ukoll li żżid il-valorizzazzjoni tal-assi tal-wirt kulturali mir-residenti u l-viżitaturi. Hija wkoll opportunità għal diversi partijiet ikkonċernati minn setturi differenti fil-ġestjoni tal-wirt kulturali, l-edukazzjoni u l-ippjanar biex jaħdmu flimkien mar-reġjun biex itejbu l-aċċessibbiltà, jassiguraw prattiki ta' turiżmu kulturali sostenibbli u jiżguraw il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali fi ħdan ir-reġjun.

### Tema Ċ: It-tradizzjonijiet u l-komunitajiet

Il-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun Punent għandhom għeruq fondi fil-kultura tradizzjonali u livelli għolja ta' parteċipazzjoni attiva fit-tradizzjonijiet lokali u l-festi, possibbilment minħabba s-sens qawwi ta' appartenenza tar-residenti. L-istħarriġ fuq il-parteċipazzjoni kulturali tal-2016 li sar mill-Kunsill Malti għall-Arti, jindika li r-reġjun irreġistra l-ogħla parteċipazzjoni wara Għawdex fil-festi tal-parroċċa, il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u d-drammi tal-passjoni. Ir-Reġjun Punent jipprovdi wkoll wirjiet tan-nar li rebħu premjijiet maħluqa minn kmamar tan-nar immexxija minn organizzazzjonijiet volontarji u assoċjati mal-festi reliġjużi fil-biċċa l-kbira tal-lokalitajiet fir-reġjun. Il-gastronomija hija wkoll element kulturali importanti li jirrifletti l-ispeċifiċitajiet rurali u agrarji tar-reġjun. Mill-Irkotta Fest f'Ħal Kirkop, il-Festa Ħut fiż-Żurrieq u l-Festa tal-Patata fil-Qrendi, sal-festival agrikolu u tradizzjonali ta' Ħad-Dingli u l-Festa Għeneb fis-Siġġiewi, id-diversi lokalitajiet fi ħdan ir-reġjun jikkontribwixxu kollettivament għan-narrattiva kulturali tat-territorju. Tradizzjonijiet lokali, immexxija mill-komunitajiet, jipprovdu lir-reġjun b'potenzjal eċċezzjonali biex jintegra l-gastronomija, il-prattiki agrikulturali, l-istorja lokali, u t-tradizzjonijiet b'sostenibbiltà kulturali u turiżmu reliġjuż u ekoloġiku. "L-ikel iservi bħala konnessjoni b'saħħitha bejn in-natura u s-soċjetà umana u jlaqqa' l-art, il-wirt u l-poplu. Huwa kanal divers u dinamiku għal qsim ta' stejjer, tiswir ta' relazzjonijiet u bini ta' komunitajiet. L-enfasi fuqta' pajsaġġ b'esperjenzi ta' ikel joħloq "togħma tal-post awtentika." (Ruritage, 2022).

Tradizzjonijiet kulturali huma miżmuma ħajjin mill-komunitajiet li jiċċelebrawhom, it-trasferibbiltà tal-għarfien lokali u l-adattabbiltà tal-ħiliet għall-prattika kontemporanja. Din l-istrateġija hija punt tat-tluq importanti għar-reġjun, u se tgħin fl-iżvilupp ta' azzjonijiet kulturali li jippromwovu u jipproteġu l-wirt intanġibbli tar-reġjun, li mbagħad jistgħu jaġixxu ta' katalisti għall-iżvilupp tat-talent, l-involviment tal-udjenza u l-innovazzjoni tal-wirt.

Ir-Reġjun Punent jipproponi li jwettaq din l-istrateġija permezz tal-mobilizzazzjoni ta' dawn l-għodod għall-Kunsilli Lokali, l-organizzazzjonijiet u r-residenti fir-reġjun:

- **Uffiċjal Kulturali Reġjonali:** L-Uffiċjali Kulturali Reġjonali (RCOs) madwar ir-reġjuni kollha għandhom iservu ta' pont mill-qrib u kontinwu bejn il-Kunsilli Lokali, l-NGOs u l-prattikanti kreattivi biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-attivitajiet kulturali fi ħdan u madwar il-lokalitajiet tar-reġjun. Flimkien mal-Koordinatur Kulturali Reġjonali (RCC), jiffaċilitaw it-twettiq tal-istrateġiji kulturali reġjonali li jappoġġaw l-iżvilupp ta' inizjattivi fuq il-bażi ta' riċerka ħajja mmirata biex tippromwovi kontinwament it-tradizzjonijiet kulturali uniċi u l-wirt uniku tal-lokalitajiet. Barra minn hekk, jassistu fl-iżvilupp ta' networks kulturali, kemm lokalment (kollaborazzjonijiet interreġjonali) kif ukoll internazzjonalment, jipprijoritizzaw l-inklużjoni soċjali, id-diversità kulturali, il-benefiċċju ekonomiku u s-sostenibbiltà.
- **Twaqqif ta' Kumitat Kulturali Reġjonali:** Ir-Reġjun se jwaqqaf kumitat għall-iżvilupp kulturali reġjonali li se jinkludi rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali, l-NGOs kulturali lokali, il-prattikanti kulturali u partijiet ikkonċernati oħra minn setturi varji bħall-wirt kulturali, it-turiżmu u l-arti.
- **Faċilitar ta' inizjattivi kulturali reġjonali:** Ir-Reġjun se jindirizza l-prijoritajiet kulturali tiegħu permezz ta' diversi inizjattivi li għandhom impatt reġjonali. Dawn jistgħu jiġu żviluppati mal-Kunsilli Lokali, il-prattikanti kreattivi u l-NGOs fi ħdan ir-reġjun u jista' jkun ikollhom bżonn ta' investiment nazzjonali u Ewropew. Jistgħu wkoll ifittxu li jindirizzaw inizjattivi kulturali reġjonali bħall-bini ta' kapaċità u l-programmi ta' mogħdija ta' għarfien u investiment fl-infrastruttura kulturali.
- **Kożviluppar ta' sistema ta' informazzjoni kulturali reġjonali komuni:** Il-kożvilupp ta' pjattaforma ta' qsim ta' informazzjoni madwar ir-reġjuni tippermetti koordinazzjoni ta' programmar u bini ta' kapaċità aktar effettivi mill-Kunsilli Lokali, l-NGOs u l-prattikanti kreattivi. Il-pjattaforma se sservi bħala bażi ta' data b'informazzjoni fuq siti storiċi, siti pubbliċi u libreriji fir-reġjun. Din ir-riżorsa tista' tintuża mill-Kunsilli Lokali bħala punt ta' referenza biex iżżid id-diversità tal-kontenut kulturali fl-avvenimenti tagħhom.
- **Promozzjoni tal-arti u l-kultura fuq livell reġjonali:** Ir-Reġjun se jippromwovi b'mod attiv kalendarju ta' avvenimenti permezz ta' Sistema ta' Informazzjoni Kulturali Reġjonali li tiġbor l-attivitajiet kulturali, l-opportunitajiet ta' taħriġ u l-inizjattivi disponibbli kollha fuq livell reġjonali.
- **Massimizzazzjoni tal-finanzjament:** Tinfluwenza finanzjamenti pubbliċi, privati, nazzjonali u Ewropej biex jiffaċilitaw it-tfassil u t-twettiq ta' programmi u inizjattivi mniżżla f'din l-istrateġija u appoġġ akbar lill-Kunsilli Lokali biex jassiguraw fondi għal proġetti u inizjattivi allinjati ma' dan il-pjan strateġiku.
- **Parteċipazzjoni fin-networks Ewropej u internazzjonali:** Assigurazzjoni ta' rappreżentazzjoni reġjonali f'networks li jallinjaw mal-prijoritajiet kulturali reġjonali, partikolarment dawk attivi fi żvilupp reġjonali, wirt rurali u turiżmu sostenibbli.
- **Evalwazzjoni u monitoraġġ:** Twaqqif ta' pjan ta' riċerka biex jevalwa u jsegwi l-azzjonijiet, il-programmi u l-inizjattivi mnedija permezz ta' din l-istrateġija.



Festa Medjevali. L-Imdina. Ritratt ta' Ray Attard



Iċ-Ċombini. Ħad-Dingli. Ritratt ta' Norbert Mintoff

# 6. L-Azzjonijiet ta' Prijorità għal Żvilupp immexxi mill-Kultura fir-Reġjun Punent

| Tema (flimkien mat-temi trasversali) | Qasam ta' prijorità | Azzjonijiet indikattivi | Terminu qasir (<sena) Terminu medju (2-4 snin) Terminu twil (5 snin +) |
|---|---|---|---|
| Temi Trasversali Ġeneriċi | Uffiċjal Kulturali Reġjonali | Qsim ta' informazzjoni fuq opportunitajiet ta' finanzjament u faċilitar ta' kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali fuq programmazzjoni kulturali u inizjattivi oħra. L-uffiċjal se jiffaċilita wkoll djalogu bejn diversi NGOs u partijiet ikkonċernati fuq kollaborazzjonijiet possibbli u jiżgura l-inklużjoni u l-aċċess għar-residenti kollha. | Kontinwu |
| | Kumitat Kulturali Reġjonali | Twaqqif ta' kumitat għal żvilupp reġjonali kulturali li se jinkludi rappreżentanti mill-Kunsilli Lokali, l-NGOs kulturali lokali u setturi oħra bħal dawk ta' wirt kulturali, turiżmu u l-arti. | |
| | Proġetti kulturali reġjonali | Tmexxija ta' inizjattivi kulturali reġjonali bħal festivals u avvenimenti, bini ta' kapaċità u programmi ta' mogħdija ta' għarfien u investiment fl-infrastruttura kulturali. | |
| | Sistema ta' informazzjoni kulturali reġjonali komuni | Ħolqien ta' pjattaforma ta' qsim ta' informazzjoni. | |
| | Promozzjoni tal-arti u l-kultura fuq livell reġjonali | Promozzjoni ta' kalendarju ta' avvenimenti li jiġbor l-attivitajiet kuturali, l-opportunitajiet ta' taħriġ u l-inizjattivi kollha disponibbli fuq livell reġjonali. | |

| Tema (flimkien mat-temi trasversali) | Qasam ta' prijorità | Azzjonijiet indikattivi | Terminu qasir (<sena) Terminu medju (2-4 snin) Terminu twil (5 snin +) |
|---|---|---|---|
| Tema Trasversali 1 – L-iżvilupp tat-talent | Massimizzazzjoni tal-finanzjamenti | Kisba ta' informazzjoni fuq opportunitajiet ta' finanzjament, u lobbying biex tinfluwenza l-finanzjament pubbliku, privat, nazzjonali u Ewropew biex jitfasslu u jitwettqu programmi u inizjattivi. | Terminu medju |
| | Parteċipazzjoni f'networks Ewropej u internazzjonali | Identifikazzjoni ta' networks Ewropej u internazzonali li għandhom l-istess prijoritajiet u għanijiet kulturali tar-Reġjun. | Terminu qasir sa medju |
| | Evalwazzjoni u monitoraġġ | Żvilupp ta' pjan ta' riċerka li jkejjel l-impatt tal-azzjonijiet kulturali. | Terminu qasir sa medju |
| | Mogħdija ta' għarfien indiġenu u prattiki tradizzjonali | Żvilupp ta' bini ta' kapaċità u programm ta' mogħdija tal-għarfien b'attenzjoni speċifika għat-tagħlim interġenerazzjonali. | Terminu qasir sa medju |
| | Tressiq tal-arti mal-wirt naturali u kulturali | Ħolqien ta' konnessjonijiet bejn l-artisti u l-organizzazzjonijiet artistiċi ma' NGOs lokali u Kunsilli Lokali biex l-irwol tar-reġjun bħala territorju ta' kreazzjoni u kokreazzjoni jkun iffaċilitat permezz ta' prattiki sostenibbli bħal produzzjoni ekoloġika tal-arti u bl-użu ta' prodotti u materjali minn sorsi lokali.<br><br>Faċilitar ta' tixrid ta' informazzjoni fuq opportunitajiet ta' finanzjament u appoġġ għall-kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali, l-NGOs u prattikanti kulturali fuq programmar kulturali u inizjattivi oħra permezz tal-Uffiċjal Kulturali Reġjonali. L-uffiċjal se jiffaċilita wkoll djalogu bejn diversi NGOs u partijiet ikkonċernati fuq kollaborazzjonijiet possibbli u jassigura inklużjoni u aċċess għar-residenti kollha. | Terminu qasir sa medju |
| Tema Trasversali 2 – L-involviment tal-udjenza | | Identifikazzjoni tan-networks Ewropej u internazzjonali ewlenin li għandhom prijoritajiet u għanijiet komuni mar-Reġjun. | Terminu twil |
| | Parteċipazzjoni f'networks Ewropej u internazzjonali | Promozzjoni tar-reġjun bħala destinazzjoni turistika sostenibbli distinta permezz ta' esperjenzi uniċi u awtentiċi li joħorġu mill-istejjer tal-komunitajiet fi ħdan ir-reġjun u l-lokalitajiet tiegħu.<br><br>Diversifikazzjoni tal-offerta tat-turiżmu kulturali fi ħdan ir-reġjun permezz tal-promozzjoni ta' esperjenzi fil-gastronomija, l-avventura, it-turiżmu reliġjuż, l-ambjent naturali u l-arti fil-pajsaġġi naturali u storiċi tar-reġjun. | Terminu qasir sa medju |
| Tema Trasversali 3 - Innovazzjoni tal-wirt storiku | Promozzjoni ta' assi kulturali lokali | Appoġġ tal-ġestjoni ta' assi kulturali lokali u spazji pubbliċi taħt il-mandat tal-Kunsilli Lokali u koordinazzjoni ta' inizjattivi biex jippromwovu assi lokali mmexxija minn organizzazzjonijiet oħra biex jittieħed dak kollu possibbli minnhom u jiġi ffaċilitat l-użu tagħhom.<br><br>Tfittxija b'mod attiv ta' kollaborazzjonijiet ma' msieħba nazzjonali u internazzjonali fuq riċerka u attivitajiet li jressqu l-wirt kulturali mat-teknoloġija. | Terminu medju sa twil |



Il-Kunċert tal-Banda San Ġużepp. Ħal Kirkop, 2019.
Ritratt ta' Sebio Aquilina Audiovisual Productions
grazzi lis-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop

# 7. Konklużjoni

**Din l-istrateġija tipprovdi qafas importanti għar-Reġjun Punent bħala parti mill-iżvilupp tiegħu ta' reġjun ġdid. Il-kultura fi ħdan ir-reġjun ġiet stabbilita bħala waħda mill-pilastri importanti għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku.**

Il-kultura se tkun ukoll fattur importanti fit-twaqqif tal-promozzjoni tar-reġjun u fl-assigurazzjoni ta' kollaborazzjonijiet eqreb bejn il-Kunsilli Lokali, l-NGOs u l-prattikanti kulturali fi ħdan ir-reġjun. Fuq kollox, it-twettiq tal-azzjonijiet kulturali identifikati f'din l-istrateġija se jservi bħala opportunità għall-komunitajiet biex jiċċelebraw l-identità lokali tagħhom fi ħdan narrattiva reġjonali komuni. Dan se jillbera l-potenzjal mhux sfruttat u jiftaħ opportunitajiet ġodda mibnija fuq prinċipji ta' sostenibbiltà, li għalhekk għandu jaċċerta l-potenzjal tar-reġjun li jqiegħed lilu nnifsu bħala mexxej fl-iżvilupp sostenibbli kulturali reġjonali.

# 8. Appendiċi

## Rikonoxximenti

Din l-istrateġija kienet imfassla bil-kontribuzzjonijiet ta':

| | |
|---|---|
| **Toni Attard** | Awtur Ewlieni tal-Istrateġija Reġjonali Punent, Kap tat-Tim tal-Istrateġija u Msieħeb tal-Proġett, Culture Venture |
| **Morgan Parnis** | Kap tal-Proġett, Mdina International Ltd |
| **Tom Fleming** | Konsulent Kulturali Internazzjonali |
| **Valerie Visanich** | Kap tar-Riċerka |
| **Caldon Mercieca** | Riċerkatur |
| **Sandro Debono** | Riċerkatur |
| **Karsten Xuereb** | Riċerkatur |
| **Daniel Azzopardi** | Riċerkatur |
| **Anna Formosa** | Mexxejja tal-Workshop |

### Kunsill Malti għall-Arti

| | |
|---|---|
| **Albert Marshall** | Ċermen Eżekuttiv |
| **Mary Ann Cauchi** | Direttur Fondi u Strateġija |
| **Eric Fenech Sevasta** | Direttur Affarijiet Korporattivi |
| **Etienne Bonello** | Eks Direttur Affarijiet Korporattivi |
| **Adrian Debattista** | Kap tal-Istrateġija |
| **Christopher Spiteri** | Eżekuttiv għall-Proġetti tal-UE |
| **Simone Inguanez** | Eżekuttiv għad-Diversità u l-Komunitajiet |
| **Elyse Tonna** | Koordinatur Kulturali Reġjonali |

### Kunsill Reġjonali u Rappreżentanti tal-Kunsill Lokali

| | |
|---|---|
| **Sandro Azzopardi** | President tar-Reġjun |
| **David Michael Schembri** | Viċi-President u Sindku tal-Qrendi |
| **Elke Sghendo** | Segretarju Eżekuttiv |
| **Naomi Galea** | Uffiċjal Kulturali Reġjonali |

Il-membri tal-Kunsill Reġjonali u r-rappreżentanti kollha mill-Kunsill Lokali fir-Reġjun Punent jinkludu Sindki, Segretarji Eżekuttivi u Kunsilliera responsabbli mill-Kultura minn: l-Imdina, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ Ħad-Dingli, ir-Rabat, Ħal Kirkop, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Safi u ż-Żurrieq.

### Esprimi

| | |
|---|---|
| **Stephanie Buhagiar** | Eżekuttiv tar-Riċerka tas-Suq |

### Diviżjoni tal-Gvern Lokali

| | |
|---|---|
| **Natalino Attard** | Direttur Ġenerali |
| **Christopher Galea** | Direttur, Monitoraġġ u Appoġġ |
| **Marisa Pisani** | Direttur, Strateġija u Implimentazzjoni tal-Politika |
| **Simon Agius** | Assistent Direttur, Strateġija u Implimentazzjoni tal-Politika |
| **Robert Tabone** | Kap tal-UE u Affarijiet Internazzjonali |
| **Dorianne Diacono** | Maniġer Superjuri, Strateġija u Implimentazzjoni tal-Politika |

### Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

| | |
|---|---|
| **Mario Fava** | President |
| **Lianne Cassar** | Segretarju Eżekuttiv |

### Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

| | |
|---|---|
| **Etienne Caruana** | Direttur Ġenerali |
| **Josianne Galea** | Kap tal-Unità Kundizzjonijiet tal-Għajxien u Statistiċi Kulturali |

## Konsulenti

L-individwi involuti fil-fażi ta' konsultazzjoni fit-tiswir ta' din l-istrateġija jinkludu (imma mhux limitati għalihom):

Angela Cassar, Anthony Bonello, Anthony Borg, Antoine Farrugia, Antonia Demicoli, Chris Falzon, Connie Callus, Doris Magri, Francis Callus, Gabriel Camilleri, Glen Calleja, Henry Zaffarese, Jason Vella, Joanna Abdilla, John Luke Cassar, Joseph D'Amato, Joseph Darmanin, Josianne Cilia Mumford, Kirsty Azzopardi, Lawrence Schembri, Mark Cocker, Mark Mallia, Mary Gauci, Matthew Chetcuti, Max Farrugia, Pablo Aquilina, Pamela Schembri, Paul Busuttil, Ritienne Giorgino, Shawn Tanti, Stephania Ghricti, Tarcisio Barbara, Teddy Farrugia

Is-Sindki tal-lokalitajiet fir-Reġjun Punent:

David Michael Schembri, Dominic Grech, Grace Marie Zerafa, Johan Mula, Mark Camilleri, Peter Joseph Dei Conti Sant Manduca, Raymond Schembri, Rita Grima, Sandro Craus, Terence Agius

Kif ukoll:

Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, Organizzazzjonijiet Volontarji Artistiċi u Kulturali u partijiet ikkonċernati oħra.

# Referenzi


Awtorità tal-Ippjanar. (2022). The Malta Scheduled Property Register. Disponibbli: https://www.pa.org.mt/en/scheduled. [Aċċessat fl-1 ta' April 2022].

Boissevain, J. (1996). But we live here: perspectives on cultural tourism in Malta. Fi: L. Briguglio, B. Archer, J. Jafari, & G. Wall, (Eds.), Sustainable tourism in islands and small states: case studies (pp. 220-240). London: Pinter Publishers. Disponibbli: https://www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/30745 [Aċċessat fl-1 ta' Lulju 2022].

Cremona, V. A., Borg, R.P., Chetcuti, K. and Buhagiar, S. (2017). SPAZJI TEATRALI - A Catalogue of Theatres in Malta and Gozo: 2016 edition. Disponibbli: https://valletta2018.org/wp-content/uploads/2017/03/Spazji-Teatrali-A-Catalogue-of-Theatres-in-Malta-and-Gozo.pdf [Aċċessat fl-1 ta' April 2022].

Esprimi. (2019). Local Councils 2018 Events Survey. Rapport intern. Mhux ippubblikat.

Heritage Malta. (2019). Annual Report. Disponibbli: https://heritagemalta.mt/app/uploads/2022/01/annual-report-2020.pdf [Aċċessat fl-1 ta' Lulju 2022].

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE). (2013). Diskors mil-President Antonio Barroso "A New Narrative for Europe". Disponibbli: https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/publications-other-work/publications/new-narrative-europe-eesc-resolution-conference-future-europe [Aċċessat fl-1 ta' April 2022].

Kunsill Malti għall-Arti. (2017). Cultural Participation Survey 2016. Disponibbli: https://www.artscouncilmalta.org/files/uploads/misc/Cultural%20Participation%20%20Survey%202016%20online.pdf [Aċċessat fl-1 ta' April 2022]

Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali. (2022). National Cultural Policy 2021. Valletta, Malta: Gvern ta' Malta. Disponibbli: https://culture.gov.mt/en/culture-directorate [Aċċessat fl-1 ta' Ġunju 2022].

Ruritage.eu. (2022). Ruritage – Heritage for Rural Regeneration. [online] Disponibbli: https://www.ruritage.eu [Aċċessat fl-1 ta' Lulju 2022].

Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. (2022). National Inventory. Disponibbli: https://culture.gov.mt/en/culturalheritage/Pages/National%20Inventory.aspx. [Aċċessat fl-1 ta' April 2022].

Theuma, N., Cassar, G., Azzopardi, S. and Cardia, G. (2015). Sustainable Tourism - Mdina: A Situation Analysis of a Cultural Destination. Fi: N. Theuma, G. Cassar, S. Azzopardi and G. Cardia, ed., Sustainable Tourism Management A Collection of Studies from Malta, Lebanon and Jordan. [online] Heland Project - University of Malta. Disponibbli: https:// www.um.edu.mt/library/oar/bitstream/123456789/89080/1/Tourism%2C%20globalisation%20and%20identify.pdf [Aċċessat fl-1 ta' Lulju 2022].

Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. (2020). Statistics on Libraries 2019. NewsRelease 115/2020 Disponibbli: https://nso.gov.mt/en/News_Releases/Documents/2020/07/News2020_115.pdf [Aċċessat fl-1 ta' April 2022].

Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. (2019). EU-SILC2018: Salient Indicators. Living Conditions and Culture Statistics. 128/2019. 15. Disponibbli: https://nso.gov.mt/en/News_Releases/View_by_Unit/Unit_C1/Living_Conditions_and_Culture_Statistics/Documents/2019/News2019_128.pdf [Aċċessat fl-1 ta' April 2022].

Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatika. (2020). StatDB. Disponibbli: statdb.nso.gov.mt. [Aċċessat fl-1 ta' Lulju 2022].

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. (2019). Voluntary Organisations. Disponibbli: https://inclusion.gov.mt/ocvo/ocvo-voluntary-organisations-list [Aċċessat fl-1 ta' April 2022].

UNESCO. (2005). The Convention on the Protection and Promotion of the Diversity of Cultural Expressions, Diversity of Cultural Expressions. Disponibbli: https://en.unesco.org/creativity/convention. [Aċċessat fl-1 ta' April 2022].